Vol 34
Nru 179
Jannar - Marzu 2013

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2012

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*San Franġisk ta' Assisi*

# Werrej



6



15



19



25


*6* **Storja tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa L-Ewwel Kunvent tal-Franġiskani f'Ġerusalemm**

*15* **L-Ispirtu tat-talb fil-Vanġelu ta' San Luqa**

*19* **Is-Saċerdozju ta' Kristu f'solidarjetà magħna l-Bnedmin (Lhud 5,1-4)**

*25* **Il-Qawwa u l-Glorja tal-Fidi fl-Ittra lil-Lhud, Kapitlu II (L-Ewwel Parti)**

*35* **Il-Lhud fl-Evanġelju skont San Luqa u fl-Atti tal-Appostli (I)**




35

# Editorjal


ta' Patri Twanny Chircop ofm




## ILMA JAGĦLI FIL-LVANT NOFSANI

Li titkellem dwar l-Art Imqaddsa u l-preżenza tal-Franġiskani fis-Santwarji tal-Fidwa mhux biss diskors reliġjuż. Ċertament ma tistax tifred il-preżenza tal-Kristjani f'dan ir-reġjun minn dak li qed jiġri madwarhom fil-kamp politiku, soċjali u ekonomiku.

Qabel xejn ma ninsewx li l-espressjoni Art Imqaddsa ma tirreferix biss għal dak ir-reġjun li nistgħu nsejħulu ċ-ċentru, u li fih jinsabu l-maġġoranza tas-Santwarji tal-Fidwa u tat-tifkiriet bibliċi (il-Galilija, is-Samarija u l-Lhudija) inklużi fl-iStat ta' Israel u fit-Territorji tal-Awtorità Palestinjana, b'Ġerusalemm bħala ċ-ċentru l-aktar importanti. L-Art Imqaddsa tinkludi wkoll reġjuni oħrajn li jissemmew fil-Bibbja u li minnhom ukoll għaddew Ġesù, l-appostli u l-ewlenin insara: l-Eġittu, il-Ġordanja, il-Libanu, is-Sirja. Santwarji importanti f'dawn il-pajjiżi jinkludu l-Muntanja Sinaj (Eġittu), il-Muntanja Nebo (Ġordanja), Tir u Sidon (Libanu), il-Memorjal tal-Konverżjoni ta' San Pawl f'Damasku (Sirja). Ħafna minn dawn it-tifkiriet huma taħt il-kura tal-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa.

Nafu x'qiegħed jiġri f'dawn l-aħħar xhur f'dawn ir-reġjuni. L-aħbarijiet jinkwetawna. Donnu hemm borma tagħli bl-ilma jbaqbaq fiha. U l-komunitajiet tal-Insara li jgħixu f'dawn il-pajjiżi jinsabu jgħumu f'dan l-ilma jbaqbaq.

Fl-Eġittu l-bidla mill-poter dittatorjali tal-ex-President Hosni Mubarak għal dik

*...editorjal*

*Ilma jagħli fil-lvant nofsani*



li suppost hi sistema demokratika ta' gvern, attwalment immexxija mill-President Mohamed Morsi u mill-partit tal-"Aħwa Musulmani", għalkemm esternament jidher li qed jirnexxielu jipprovdi ċerta stabilità fil-pajjiż, mill-banda l-oħra xejn ma jawgura riżq għall-preżenza Kristjana, l-aktar għall-Knisja Kopta Ortodossa, li tħaddan mal-10 miljuni. Mhux l-ewwel darba li saru atti ta' vjolenza fuq Insara u fuq knejjes Insara u ma tantx jidher li din il-persekuzzjoni sistematika qed tiġi kkontrollata mill-awtoritajiet ċivili u militari. Dan minkejja li, fl-Eġittu, il-preżenza Kristjana tmur lura għall-bidu nett, bil-Patrijarkat ta' Lixandra u bil-preżenza tal-monakeżimu sa mit-3 seklu (S. Anton Abbati, S. Pakomju).

Il-Ġordanja hi pajjiż li għadu stabbli. Il-familja rjali Ħaxxemita tar-Re Abdullah II għadha forza li tgħaqqad flimkien id-diversi tribujiet, u l-pajjiż igawdi livell ta' ħajja deċenti, minkejja l-kriżi ekonomika mondjali. F'Amman il-Franġiskani għandhom wieħed mill-akbar kulleġġi tal-pajjiż. Min-Nebo huma jmexxu ċentru ta' riċerka arkeoloġika li ħarġet għad-dawl fdalijiet ta' għexieren ta' knejjes u monasteri Biżantini, xhieda li l-Ġordanja kienet pajjiż kollu nisrani fis-sekli 4-7. Hemm libertà reliġjuża għad-diversi Knejjes Insara preżenti fil-pajjiż. Imma ma jonqsux mumenti ta' tensjoni, l-aktar minn elementi fanatiċi ta' fundamentalisti islamiċi li mhux l-ewwel darba wettqu attakki terroristiċi biex jaqilbu taħt fuq l-ordni soċjali. Il-fatt li s-Sirja u l-Iraq huma hekk qrib il-Ġordanja jkompli jħasseb lil kull min għandu għal qalbu l-istabilità politika tal-pajjiż u s-sigurtà tal-minoranza Kristjana li tgħix fih.

Il-Libanu hu pajjiż żgħir, imma kburi bl-istorja u s-sbuħija naturali tiegħu. Ġie maħsub bħala eżempju ta' konvivenza paċifika bejn Kristjani, Musulmani Sunniti, Musulmani Xi'iti u Drużi. Il-gvern demokratiku tiegħu jiggarantixxi libertà ta' espressjoni reliġjuża u kulturali, marbuta wkoll mal-pajjiżi tal-punent. Imma xorta waħda ma naqsux fil-Libanu tensjonijiet u gwerer. Dan il-pajjiż ġojjel ta' spiss kellu jsofri minn gwerer bejn stati viċini, Israel u Sirja b'mod partikulari, li ppreferew jilagħbu l-gwerra fih u mhux f'pajjiżhom stess. Fejn qabel il-preżenza Kristjana fil-Libanu, rappreżentata l-aktar mill-Knisja Maronita, kienet 'il fuq mill-50% tal-popolazzjoni, illum l-Insara

jlaħħqu madwar 35% għax ħafna emigraw minħabba l-gwerer ta' dawn l-aħħar tletin sena.

L-akbar traġedja, kif nafu, qed tinvolvi s-Sirja. Dan il-pajjiż jinsab taħt reġim dittatorjali u militari, immexxi mill-President Bashar al-Assad li wiret il-poter fl-2000 minn missieru Hafez al-Assad. Il-familja Assad tappartjeni għat-tribù minoranza ta' Alawiti, li huma setta Musulmana. Il-maġġoranza tal-popolazzjoni tas-Sirja hi magħmula minn Musulmani Sunniti. L-Insara huma minoranza. Sal-lum, minkejja l-metodi dittatorjali tar-reġim (Partit Soċjalista Ba'ath), kien hemm tolleranza tal-Insara, hekk li l-Franġiskani jmexxu żewġ parroċċi f'Damasku, parroċċa kbira f'Aleppo, u parroċċi iżgħar fil-port ta' Lattakia, u fl-irħula tal-wied tax-xmara Oronte: Ghassanieh, Yacoubieh u Knayeh. Il-Franġiskani jħarsu wkoll żewġ santwarji: il-Memorjal ta' San Pawl u d-Dar ta' Sant'Ananija, f'Damasku.

Il-gwerra ċivili qed tagħmel ħerba mill-Insara tas-Sirja. Ħafna ħarbu lejn il-Libanu. Sa issa l-Franġiskani għadhom f'posthom, imma hemm biża' dwar il-futur tal-kunventi, knejjes, u komunitajiet Insara f'dan il-pajjiż, l-aktar għax l-oppożizzjoni għal Assad hi f'idejn fundamentalisti islamiċi, li jridu stat islamiku bħall-Iran. Dan ikun ifisser it-tmiem tal-komunità Kristjana.

Sfortunatament id-demokraziji tal-punent (USA u Unjoni Ewropea) ma jifhmux li, fil-Lvant Nofsani, ħlief fil-każ ta' Israel, ma tistax teżisti demokrazija kif nafuha aħna. Dan kien l-iżball fl-Afghanistan u fl-Iraq. Tneħħew dittaturi krudili, imma flokhom daħlet anarkija mhux demokrazija. Fuq kollox, jekk il-maġġoranza Sunnita tieħu f'idejha r-riedni tat-tmexxija hemm il-periklu li l-minoranzi, fosthom l-Insara, jsofru persekuzzjoni sħiħa. Il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa li jgħixu f'dan l-ilma jbaqbaq flimkien mal-Insara ta' dawn il-pajjiżi jistgħu jkunu vittmi ta' din il-vjolenza. Il-periklu narawh kullimkien fejn seħħet dik li tissejjaħ "ir-rebbiegħa Għarbija". Il-Libja, pajjiż viċin tagħna, hu eżempju ta' intolleranza li tikber kontra l-Insara. Tkun ħasra li l-Insara jisparixxu proprju mir-reġjun li fih il-Kristjaneżimu żviluppa sa mill-bidu nett, jiġifieri l-Lvant Nofsani. Tkun ħasra li l-konvivenza paċifika bejn ir-reliġjonijiet li kienet teżisti għal tant snin, anke taħt dittatura militari, issa tispiċċa f'isem demokrazija falza li qed turi ruħha biss bħala anarkija perikoluża.



# STORJA TAL-FRANĠISKANI FL-ART IMQADDSA L-EWWEL KUNVENT TAL-FRANĠISKANI F'ĠERUSALEMM

*Noel Muscat ofm*

Il-preżenza tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa tmur lura 8 sekli. Fl-24 ta' Ġunju 1219 San Franġisk t'Assisi salpa minn port fuq l-Adrijatiku, x'aktarx Bari jew Brindisi, bl-iskop li jmur jevanġelizza l-Orjent. Kien iż-żmien tal-ħames Kruċjata, li kienet ġiet imnehdija mill-Papa Innoċenz III waqt ir-IV Konċilju tal-Lateran fl-1215. Il-Kruċjata, li kienet immexxija mir-Re

ta' Ġerusalemm Jean de Brienne, u mill-Kardinal Legat Alvaro Pelagio, kienet qed tassedja l-belt ta' Damiata (Damietta) fid-delta tax-xmara Nil fl-Eġittu, bl-iskop li mbagħad tattakka l-belt tal-Kajr u hekk ikollha miftuħa t-triq biex tidħol fl-Art Imqaddsa. Dak iż-żmien l-Art Imqaddsa kienet taqa' taħt il-ħakma tas-Sultan tal-Eġittu, al-Malik al-Kamil, neputi tal-famuż gwerrier Saladin. Fit-2 ta' Ottubru 1187 il-belt ta' Ġerusalemm kienet intrebħet lura mill-Kruċjati minn Saladin, wara li ftit xhur qabel, fl-4 ta' Lulju 1187 dan kien kisser il-qawwa tal-Kruċjati fil-battalja tal-għolja ta' Qarne Hattin fuq l-Għadira tal-Galilija. Il-Kruċjati kienu daħlu Ġerusalemm fil-15 ta' Lulju 1099 u waqqfu r-Renju Latin ta' Ġerusalemm. Wara t-telfa tal-1187 il-Kruċjati irtiraw fil-belt fortifikata u port ta' Akri (Saint Jean d'Acre) fuq il-kosta tal-Mediterran tal-Palestina, fejn damu sat-18 ta' Mejju 1291.

## San Franġisk fl-Art Imqaddsa?

Kien fil-kapitlu ġenerali ta' Pentekoste li sar fil-Porzjunkola fl-1217 li San Franġisk iddeċieda li jibgħat lill-patrijiet minuri jevanġelizzaw barra mill-Italja. Il-missjunarji Franġiskani marru lejn Spanja u l-Portugal, li kienu parzjalment maħkuma mill-Misilmin. Il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni wasslet xi wħud minnhom għall-martirju. Fis-16 ta' Jannar fra Berardu u erba' Franġiskani sħabu ġew immartirizzati fil-belt ta' Marrakesh fil-Marokk. Il-Franġiskani qasmu l-Alpi lejn Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija u l-Bosnia. Aktar tard, fl-1224, qasmu l-kanal tal-Ingilterra u waslu Dover. Fl-1219 fra Eġidju mar jevanġelizza Tunisi fl-Afrika ta' fuq. Imma nafu li hu kien diġà mar fl-Orjent, u eżattament fl-Art Imqaddsa, fl-1215, skont ix-xhieda li nsibu fil-*Kronaka tal-XXIV Ministri Ġenerali tal-Ordni tal-Minuri*, in *Analecta Franciscana* III,77: "Wara dan (Eġidju) kiseb minn San Franġisk il-permess li jmur ma' patri sieħbu biex iżur il-Qabar tal-Mulej Ġesù u l-postijiet l-oħrajn tal-Art Imqaddsa." B'hekk nistgħu ngħidu li fra Eġidju kien l-ewwel Franġiskan li mar fl-Art Imqaddsa. Fis-sena 1217 grupp ta' patrijiet, immexxija minn Fra Elija, marru fl-Orjent u twieldet il-Provinċja tas-Sirja, jew ta' Oltremare, li l-bażi tagħha kien il-kunvent tal-Franġiskani f'Akri, l-unika belt Kristjana fl-Art Imqaddsa.

F'Ġunju 1219, mela, San Franġisk mar fl-Orjent flimkien ma' xi aħwa, fosthom fra Illuminato da Rieti, u qasam il-baħar. Il-vjaġġ minn Bari jew Brindisi kien jissokta matul il-kosta tal-Greċja lejn Korfù, Ċefalonja, il-Peloponnese, Kreta, Ċipru u l-port ta' Akri. Hemmhekk San Franġisk żar lil fra Elija, u mbagħad kompla bil-baħar tul il-kosta tal-Palestina lejn id-delta tan-Nil, fejn kif rajna kien hemm l-armata Kruċjata li kienet tassedja l-belt ta' Damiata.

Huma diversi l-fonti dokumentarji tas-seklu 13 li jitkellmu dwar il-preżenza ta'

San Franġisk waqt l-assedju ta' Damiata. Il-bijografu Tommaso da Celano, fil-*Vita Secunda Sancti Francisci*, 30 jirrakkonta kif San Franġisk kien ipprietka lill-Kruċjati biex ma jattakkawx lil Damiata biex jevitaw tixrid ta' demm, u kif dawn ma semgħux minnu u sofrew telfa kbira fid-29 ta' Awwissu 1219. Bħala riżultat ta' din it-telfa l-Kruċjati għamlu ftehim mas-Sultan tal-Eġittu biex jieqaf il-ġlied. Kien x'aktarx f'dan il-perjodu ta' waqfien mill-ġlied, f'Settembru 1219, li San Franġisk talab permess lill-Kardinal Pelagio biex jaqsam fil-kamp tal-Misilmin u jipprietka l-Vanġelu lis-Sultan al-Malik al-Kamil.

L-episodju tal-laqgħa ta' San Franġisk mas-Sultan tal-Eġittu hu ddokumentat minn diversi fonti storiċi tas-seklu 13. L-aktar xhud importanti hu Jacques de Vitry, Isqof ta' Akri, li kien preżenti għall-ħames Kruċjata, u li jiddeskrivi dak li għamel San Franġisk f'ittra li hu kiteb minn Damiata fl-1220. Diversi kronisti tal-ħames Kruċjata wkoll jitkellmu minn din il-laqgħa storika, fosthom il-Kronaka ta' Ernoul, il-Kronaka ta' Bernardo il Tesoriere, u l-*Histoire de Eracles* miktuba minn anonimu Franċiż. Fost il-bijografi Franġiskani San Bonaventura jitkellem dwar il-laqgħa ta' San Franġisk ma' al-Malik al-Kamil fil-*Legenda Maior Sancti Francisci* IX,7-9. Fonti storiċi oħrajn tardivi tas-seklu 14 jitkellmu saħansitra mill-konversjoni ta' al-Malik al-Kamil għall-fidi Kristjana, imma dan il-fatt ma għandux bażi storika. Li hu importanti hu li s-Sultan tal-Eġittu baqa' impressjonat bil-ġentilezza u l-faqar ta' San Franġisk u tah permess biex jirritorna qawwi u sħiħ fil-kamp tal-Kruċjati. X'ġara wara ma nafux fi żgur. Nafu li l-Kruċjati rebħu l-belt ta' Damiata fil-5 ta' Novembru 1219, u li s-Sultan offrielhom li jagħtihom lura Ġerusalemm jekk jieqfu mill-ġlied. Imma l-Kruċjati riedu jaħkmu l-Kajr ukoll, u sfortunatament il-ħames Kruċjata spiċċat fi traġedja fil-battalja ta' Al-Mansura f'Lulju 1221.

Waħda mill-fonti storiċi l-aktar interessanti dwar din il-ġrajja ġejja minn għejun Misilmin. Nirreferu għal dokument bijografiku bl-Għarbi tas-seklu 15 li jitkellem minn ċertu Fakhr ad-din al-Farisi, li kien wieħed mill-kunsillieri intimi tas-Sultan tal-Eġittu u kien qisu direttur spiritwali ta' al-Malik al-Kamil, u miet meta kellu aktar minn 90 sena wara l-1219. Dan id-dokument isemmi li al-Farisi kellu "storja ċelebri" jew diskussjoni mħeġġa ma' ċertu *rahib* (raħeb) li ma jsemmix ismu. Mela, skont dan id-dokument Għarbi, kien hemm ċertu raħeb li ġie jżur lis-Sultan al-Malik al-Kamil u li kellu diskussjoni ma' wieħed mill-kunsillieri tiegħu. Bosta storiċi jaraw f'din l-informazzjoni prova tal-preżenza u l-missjoni ta' San Franġisk għand al-Malik al-Kamil.

Skont studju magħmul mill-istoriku Franġiskan Pacifico Sella, *Francesco, l-Islam e l'Oriente*, l-iskop taż-żjara ta' San Franġisk għand is-Sultan

ma kinitx dik li jippridkalu l-Vanġelu u jikkonvertih, imma pjuttost li jitlob li hu u l-patrijiet tiegħu jkunu jistgħu jagħmlu l-pellegrinaġġ lejn il-Qabar ta' Kristu bla ma jħallsu l-ħaraġ u fi spirtu ta' paċi. Din il-fehma taqbel mal-atteġġjament twajjeb tas-Sultan lejn Franġisku, li b'hekk jidher ħafna bogħod mill-iskop tal-Kruċjati li jaslu Ġerusalemm bl-armi!

Hemm tradizzjoni antika tal-Kronista Franġiskan Angelo Clareno, fit-tmiem tal-Prologu tal-*Chronicon seu Historia Septem Tribulationum Ordinis Minorum*, miktub fl-1325: "Għall-qawwa tal-kliem li Kristu kien ilissen permezz ta' Franġisku, is-Sultan, imqanqal minn manswetudni, qagħad jisimgħu bil-qalb it-tajba; u kontra d-digrieti tal-liġi misħuta tiegħu stiednu b'insistenza biex jibqa' fl-artijiet tiegħu u ta ordni biex hu u l-patrijiet tiegħu jkunu jistgħu liberament, u mingħajr ma jħallsu l-ħaraġ, imorru jżuru l-Qabar ta' Kristu" (*Fonti Francescani* 2154).

L-istoriċi mhux kollha jaċċettaw bħala vera din ix-xhieda, minħabba li Angelo Clareno kiteb aktar minn mitt sena wara l-fatti u l-ebda wieħed mill-Fonti Franġiskani tas-seklu 13 ma jsemmi dan il-permess. Tassew li kien hemm projbizzjoni għall-Insara li jżuru l-Qabar ta' Kristu. Fl-24 ta' Lulju 1217 il-Papa Onorju III kien ippubblika l-Bulla *Cum carissimi*, li fiha ddikjara skomunika kontra min jipprova jħallas il-ħaraġ lill-Misilmin biex jidħol iżur il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li Saladin kien għalaqha u ħalla l-imfietaħ tagħha f'idejn familji Misilmin. Hu x'inhu, skont Angelo Clareno, San Franġisk irċieva permess biex iżur il-Qabar ta' Kristu mingħajr ma jħallas il-ħaraġ. Fis-sensibilità tal-Ordni Franġiskan iż-żjara ta' San Franġisk fil-Qabar ta' Kristu baqgħet tradizzjoni qawwija, minkejja n-nuqqas ta' dokumentazzjoni storika dwarha.

## L-ewwel kunvent tal-Franġiskani f'Ġerusalemm (1219-1244)

L-istoriku Franġiskan tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, patri Girolamo Golubovich, *Biblioteca Bio-Biografica della Terra Santa e dell'Oriente Cristiano*, Tomo I (1215-1300), Quaracchi 1906, 158-160, jirrakkonta l-istorja ta' kif il-Franġiskani daħlu għall-ewwel darba



*Franġisku ma' Malik al-Kamil*

f'Ġerusalemm fl-1229, tliet snin biss wara l-mewt ta' San Franġisk.

Diġà rajna kif, fl-1217 San Franġisk kien waqqaf il-Provinċja tas-Sirja jew Oltremare, u li l-ewwel ministru provinċjal tagħha kien fra Elija fil-kunvent ta' Akri. Fis-sena 1229 l-imperatur Federiku II irnexxielu jasal għal ftehim mas-Sultan tal-Eġittu al-Malik al-Kamil, bi skop li jieqaf il-ġlied bejn Kristjani u Misilmin għal perjodu ta' 10 snin. L-imperatur kellu interessi kummerċjali mal-Eġittu. Min-naħa tiegħu, il-Papa Girgor IX (1227-1241) kien talab lill-imperatur biex jorganizza Kruċjata oħra wara l-falliment tal-ħames Kruċjata. Il-fatt li l-imperatur ma tax kas tal-Papa, anzi għamel ftehim diplomatiku mas-Sultan tal-Eġittu, wassal lill-Papa Girgor IX biex jiddikjara skomunika fuq l-imperatur.

Il-ġest tal-imperatur, għalkemm kien wieħed ta' diżubbidjenza lejn l-awtorità tal-Papa, kellu l-lat pożittiv tiegħu. Fil-fatt, bħala rikonoxximent tal-waqfien mill-ġlied, is-Sultan tal-Eġittu offra li jċedi lill-Kristjani l-belt ta' Ġerusalemm, ħlief il-*Haram ash-sharif* jew ir-reċint qaddis li fih il-Misilmin għandhom il-Moskea ta' Al-Aqsa u l-Koppla tal-Blata, kif ukoll il-Postijiet Qaddisa ta' Betleħem u Nażaret.

F'Marzu 1229 l-imperatur Federiku II daħal Ġerusalemm u nkuruna lilu nnifsu Re ta' Ġerusalemm fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Sadanittant hu kien diġà wasal Akri fis-7 ta' Settembru 1228 fejn ġie milqugħ mill-Patrijarka ta' Ġerusalemm u l-Gran Mastri tal-Ordni tat-Templari u tal-Ordni tal-Ospedalieri (Kavallieri ta' San Ġwann). Imma fl-istess żmien żewġ Franġiskani kienu waslu Akri u ġabu magħhom l-ittra tal-Papa Girgor IX li fiha ddikjara skomunikat lill-imperatur. B'hekk l-imperatur ma sabx aktar appoġġ. Malli ddikjara lilu nnifsu Re ta' Ġerusalemm hu kkastiga bl-aħrax lill-Franġiskani u mbagħad telaq lura lejn l-Ewropa.

B'hekk fl-1229 il-Patrijarka ta' Ġerusalem Gerald ta' Lausanne (1225-1239),



*Qorti tal-Imperatur Federiku II*
*Arthur Georg von Ramberg*

flimkien mal-kleru, ħa l-okkażjoni tal-waqfien tal-ġlied biex reġa' daħal fil-Belt il-Qaddisa f'Marzu 1229. Skont l-istoriku Matteo Paris il-Patrijarka reġa' ħa l-pussess tal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, li kienet ilha magħluqa mill-1187, kif ukoll ta' diversi proprjetajiet oħrajn li qabel kellu l-Patrijarka Latin fi żmien il-Kruċjati. Paris ma jagħtina l-ebda ħjiel li mal-Patrijarka waslu Ġerusalemm il-patrijiet minuri. Imma nafu minn fonti oħrajn storiċi li l-Franġiskani daħlu wkoll f'dan iż-żmien.

Fil-fatt nafu li, fl-1 ta' Frar 1230, il-Papa Girgor IX kien indirizza l-Breve *Si ordinis Fratrum Minorum* lill-Patrijarka ta' Antjokja Alberto de Rezato (1226-1245) u lill-Patrijarka ta' Ġerusalemm Gerald. F'dan id-dokument il-Papa jitkellem dwar li l-Franġiskani kienu diġà preżenti f'Ġerusalemm f'dik is-sena. B'hekk nafu li, almenu fl-1229, il-patrijiet minuri kienu qed joqogħdu f'Ġerusalemm. Dan id-dokument juri li l-Papa ried li l-isqfijiet jirrispettaw id-dritt tal-patrijiet Franġiskani li jkollhom oratorji u kunventi li fihom setgħu jitolbu u jgħixu fil-ġurisdizzjoni ta' dawn l-istess isqfijiet, partikolarment tal-Patrijarki ta' Antjokja u Ġerusalemm.

Dan id-dokument papali hu l-eqdem xhieda li għandna f'idejna li turina li l-Franġiskani kienu ċertament preżenti fil-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm fl-1229, tliet snin biss wara l-mewt ta' San Franġisk, u li kienu fost id-diversi reliġjużi u prelati li kienu marru lura f'Ġerusalemm waqt dan il-perjodu qasir ta' waqfien mill-ġlied miftiehem bejn Federiku II u s-Sultan al-Malik al-Kamil.

Il-mistoqsija li tiġina hi: fejn kien l-ewwel kunvent tal-Franġiskani f'Ġerusalemm? Nafu li, fl-era Kruċjata, l-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu kienet uffiċjata mill-Patrijarka Latin u l-Kanoniċi Regolari ta' Santu Wistin, u li għalhekk x'aktarx li huma reġgħu daħlu fil-pussess tal-Bażilika matul dan il-perjodu qasir. Id-dokumentazzjoni storika tal-preżenza tal-Franġiskani f'Ġerusalemm f'dan il-perjodu teżisti u hi prova li huma kienu daħlu jgħixu fil-Belt il-Qaddisa.

Meta jiddiskrivi l-Via Dolorosa waqt iż-żjara tiegħu f'Ġerusalemm (1288-1291), id-Dumnikan Ricoldo di Montecroce jitkellem dwar il-post li fih is-suldati li kienu jwasslu lil Ġesù għall-mewt ġiegħlu lil Xmun minn Ċireni biex iġorr is-salib. Hu jsemmi dan il-post bħala salib it-toroq bejn it-triq ta' Ġosafat (illum il-Via Dolorosa) u t-triq li tiġi mill-Bieb ta' San Stiefnu (illum magħrufa bħala al-Wad). "Maġenb dan il-post hemm id-dar (*locus*) li qabel kienet proprjetà tal-Patrijiet Minuri" (Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume III: *The City of Jerusalem*, Cambridge University Press, 2010, No. 290, p. 97).

Ricoldo jikteb xi 50 sena wara l-ġrajja tal-qerda ta' Ġerusalemm mit-Torok

Kwareżmjani fl-1244, meta spiċċat il-preżenza tal-Kristjani u tal-Franġiskani mill-Belt il-Qaddisa, u għalhekk it-tifkira kienet għadha friska. Hu ċertament jitkellem mill-perjodu bejn l-1229 u l-1244, meta Ġerusalemm kienet f'idejn il-Latini (Kattoliċi) waqt il-ftehim bejn l-imperatur Federiku II u s-Sultan tal-Eġittu. Kif rajna, din il-preżenza kienet possibbli għax il-Papa Girgor IX kien talab lill-Patrijarki ta' Antjokja u Ġerusalemm biex iħallu lill-Franġiskani jkollhom oratorji u kunventi fil-parroċċi tal-kleru, bil-patt li l-patrijiet jirrispettaw id-drittijiet tal-istess kleru. Skont l-istoriku Golubovich f'dan il-kunvent għex ċertu patri Aridizio Corradi (1230-1234) li reġa' lura l-Italja u miet f'Senigallia f'Novembru 1235 (Golubovich, *Biblioteca*, Tomo II, 291-291, no. 28).

Ma nafu xejn dwar dan il-kunvent u lanqas il-post eżatt fejn seta' kien. Il-kunvent ġie ċertament abbandunat fl-1244 meta t-Torok Kwareżmjani invadew Ġerusalemm u għamlu massakru mill-Kristjani. Madankollu l-*Chronicon Sampetrinum* III, in *Itinera Hierosolymitana*



*Crucesignatorum (saec. XII-XIII)*, ed. Sabino de Sandoli, Studium Biblicum Franciscanum, *Collectio Maior* XXIV, 1978-1984, Vol. IV, 82, isemmi l-Franġiskani li kienu preżenti fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu fiċ-ċerimonja tal-*Fuoco Sacro* f'Sibt il-Għid tal-1267-68.

L-istoriku Golubovich kien kiteb fl-1898 (*Serie cronologica dei Superiori della Terra Santa*) li fl-1240 kien hemm żewġ Patrijiet Minuri juffiċjaw fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Imma l-istess storiku mbagħad skopra li l-manuskritt li kien ikkonsulta kien korrott u li din il-possibilità ta' preżenza Franġiskana fil-Qabar ta' Kristu fis-seklu 13 mhix sostenibbli.

Il-problema tal-post eżatt fejn kien l-ewwel kunvent tal-Franġiskani f'Ġerusalemm tirrigwarda l-fatt li l-istazzjon li llum jimmarka l-laqgħa ta' Ġesù li jġorr is-salib ma' Xmun minn Ċireni hu kappella ċkejkna li ilha proprjetà tal-Franġiskani mill-1850. B'hekk il-post oriġinali hu mitluf, għalkemm kien ċertament jinsab f'din iż-żona. Fil-Medjuevu l-pellegrini kienu jfakkru l-laqgħa ta' Ġesù maċ-Ċirenew fil-kantuniera bejn it-triq ta' Ġosafat (illum il-Via Dolorosa) u t-triq



*S. Franġisk quddiem is-Sultan Malik-al-Kamil. Kwadru fil-kunvent ta' S. Salvatur, Ġerusalemm.*

*Ħajr: Fr. Jerzy Kraj ofm*

al-Wad, fejn illum hemm l-Austrian Hospice fuq naħa u moskea faċċata. Imma dan il-post hu llum marbut mat-tielet u r-raba' stazzjonijiet tal-Via Crucis, filwaqt li l-kappella tal-Franġiskani tinsab ftit passi aktar 'l isfel, fejn minn triq al-Wad wieħed idur lejn il-lemin u jibda tiela' l-Via Dolorsa.

## Tmiem tal-preżenza Franġiskana bikrija f'Ġerusalemm

Fis-sena 1238 miet is-Sultan tal-Eġittu al-Malik al-Kamil. Kif rajna kien Sultan li kien jippreferi trattati ta' paċi, partikularment mal-Kruċjati, u li kien irnexxielu jirrifma trattat ta' waqfien mill-ġlied mal-imperatur Federiku II. Dan it-trattat kellu jiskadi fl-1239. Wara l-mewt l-imperu tad-dinastija tal-Ayyubidi waqa' f'idejn ulied al-Malik al-Kamil. As-Salih Ayyub sar Sultan tas-Sirja filwaqt li Al-Adil II sar Sultan tal-Eġittu. Il-Palestina waqgħet taħt il-ħakma ta' as-Salih Ayyub, li sadanittant kien għamel gwerra lil ħuh għax dan kien talab l-appoġġ tal-Mameluki, u b'hekk ħakem f'idejh is-saltna kollha.

Dan is-Sultan għamel bħala allejati tiegħu t-Torok Kwareżmjani li kienu ġejjin mir-reġjun 'il hemm mill-Iran fl-isteppi tal-Asja. Dan għaliex il-Kruċjati kienu ngħaqdu mal-mexxejja ta' Damasku u ta' Kerak biex jagħmlu gwerra kontra s-Sultan as-Salih Ayyub. It-Tartari Kwareżmjani kienu tribujiet feroċi li ma kellhomx skrupli fl-arti tal-gwerra. Dawn invadew il-Palestina u fil-11 ta' Lulju 1244 għamlu assedju madwar Ġerusalemm. Fit-23 ta' Awwissu 1244 ħakmu t-Torri ta' David (iċ-Ċittadella) u daħlu fil-Belt il-Qaddisa u għamlu massakru mill-popolazzjoni Musulmana u Kristjana. Fil-Qabar ta' Kristu xerrdu ħafna demm ta' Insara. Għalkemm ma għandna l-ebda dokumentazzjoni ċerta dwar xi ġralhom il-Franġiskani f'din l-invażjoni, ma hemmx dubju li huma sofrew l-istess xorti tal-Kristjani li kienu jinsabu fil-Belt.


*Giotto - S. Franġisk quddiem Malik al-Kamil. Bażilika S. Franġisk, Assisi*

B'hekk fl-1244 nistgħu ngħidu li ntemmet l-ewwel preżenza Franġiskana fil-Belt ta' Ġerusalemm, li kellha għomorha qasir (1229-1244). Il-kunvent tal-Franġiskani nqered u ntesa maż-żmien. Madankollu, kif sejrin naraw, il-Franġiskani qatt ma waqfu li jittamaw fi żminijiet aħjar meta setgħu jerġgħu lura biex jgħixu mill-ġdid fil-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm. Dawn iż-żminijiet kellhom jiġu nofs seklu wara, fil-bidu tas-seklu 14, meta l-Franġiskani rnexxielhom jagħtu bidu ġdid għall-istorja tal-preżenza tagħhom f'Ġerusalemm, din id-darba bil-preżenza stabbli li qatt ma naqset sa minn meta l-Franġiskani stabilixxew ruħhom fuq l-Għolja ta' Sijon fil-post qaddis taċ-Ċenaklu.



# L-ISPIRTU TAT-TALB FIL-VANĠELU TA' SAN LUQA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Qalilhom tixbiha oħra biex jurihom li għandhom jitolbu dejjem bla ma jaqtgħu."*

*(Luqa l8:1)*



## Introduzzjoni

It-talb fit-tielet vanġelu ta' San Luqa li hu l-awtur ukoll tal-Atti tal-Appostli, jifforma tema importanti li tidher kullimkien fil-vanġelu. Huwa juża varjetà kbira ta' kliem grieg li għandu x'jaqsam mat-talb. Infatti t-talb jissemma madwar 65 darba fejn għandna madwar 25 kelma differenti fosthom insibu: *deesis, proseuche, enteuxis; euchomai, aiteo* u *erotao*. Naraw diversi forom ta' talb: tpattija tad-dnubiet, bħala tfittxija ta' Alla; petizzjoni; għajnuna, għall-fejqan, ta' fiduċja, ringrazzjament, tifħir u glorja lil Alla.

## Messaġġ Ċentrali

San Luqa jagħmel enfasi kbira fuq il-mumenti li fihom Ġesù talab, kif ukoll dawk il-mumenti li fihom Ġesù għallem dwar it-talb. Huma ħafna dawk imbagħad il-personaġġi li huma marbuta ma' dan l-ispirtu tat-talb; insemmu lil Żakkarija; Elisabetta; il-Madonna; ix-xwejjaħ Xmun fit-Tempju u l-profetessa Anna. Insemmu fuq kollox it-tliet innijiet ta' talb per eċċellenza, il-*Benedictus* (1:68-79), il-*Magnificat* (1:46-55) u n-*Nunc Dimittis* (2:29-32) li huma tassew tifħir lil Alla għal kull ma għamel mal-poplu tiegħu. Insibu ħafna messaġġi ta' talb fil-kuntest tal-parabboli u

l-maħfra u l-ħniena ta' Alla.

Ta' min jinnota ukoll ir-rabta kbira tal-fidi mat-talb: "Qalu l-Appostli lill-Mulej: 'Żidilna t-twemmin.'" (17:5). Insibu wkoll it-talba ta' ringrazzjament tal-imġiddem: "Malli ra wieħed minnhom li fieq, reġa' lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla, u ntefa' wiċċu fl-art f'riġlejh jiżżih ħajr. Kien dan Samaritan." (17:15-16); kif ukoll ma nistgħux ninsew it-talba tal-ħalliel it-tajjeb: "Ġesù, ftakar fija meta tiġi fis-saltna tiegħek" (23:42). Fl-aħħar tal-evanġelju San Luqa jkompli juri din l-importanza tat-talb billi jgħid li l-Appostli wara raw lil Ġesù tiela' s-sema: "Hu u jberikhom infired minnhom u kien meħud fis-sema. Huma qimuh u reġgħu lura lejn Ġerusalemm b'ferħ kbir. U kienu joqogħdu dejjem fit-tempju jfaħħru u jbierku lil Alla" (24:52-53).

## It-Talb ta' Ġesù

F'San Luqa naraw fuq kollox lil Ġesù li jitlob u allura jsir il-mudell għat-talb. Sa mit-tfulija tiegħu naraw li Ġesù jitlob kif juri lill-ġenituri tiegħu meta ntilef: "Għaliex qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun fid-dar ta' Missieri?" (2:49). Wara li Ġesù tgħammed minn Ġwanni l-Battista fil-Ġordan, San Luqa jikteb ukoll li Ġesù: "…kien qiegħed jitlob, infetaħ is-sema, u niżel fuqu l-Ispirtu s-Santu, għamla ta' ġisem bħal ħamiema, u nstema' leħen mis-sema: 'Int Ibni l-maħbub, bik nitgħaxxaq.'" (3:21-22). Wara Ġesù jerħilha għall-erbgħin jum ta' irtir: talb, tħejjija u tiġrib fid-deżert.

San Luqa jinnota wkoll li wara jum twil ta' ħidma Ġesù: " … kien jerħilha għal xi post imwarrab u joqgħod jitlob" (5:16); u wara li għadda l-lejl kollu jitlob, għażel lit-tnax-il appostlu: "F'dawk il-jiem ħareġ lejn l-għolja biex jitlob, u għadda l-lejl jitlob lil Alla. Filgħodu sejjaħ id-dixxipli tiegħu u għażel tnax minnhom, li semmihom appostli." (6:12-13). Meta għallem lill-appostli jitolbu, huwa kien jitlob qabel: "Kif kien fi mkien jitlob, x'ħin waqaf, qallu wieħed mid-dixxipli tiegħu: 'Mulej, għallimna nitolbu, bħalma għallem Ġwanni d-dixxipli tiegħu" (11:1). Anke San Luqa juri lil Ġesù fuq is-salib jitlob: "Missieri, f'idejk jien nerħi ruħi" (23:46) li tirrifletti l-kliem tas-Salm 31:5.



## Ġesù jgħallem dwar it-Talb

Ġesù f'San Luqa jgħallem it-talb, fuq kollox jibda mill-Appostli billi jgħallimhom it-talba tal-Missierna fil-kuntest tal-Vjaġġ lejn Ġerusalemm (11:2-4; ara ukoll Mt 6:9-13). Ġesù jgħallem ukoll biex jitolbu għall-maħfra: "bierku lil dawk li jisthukom, itolbu għal dawk li jqassu fuqkom" (6:28). Jgħallimhom ukoll biex il-ħidma u s-saltna ta' Alla tkompli tikber: "Il-ħsad kbir, imma l-ħaddiema ftit; itolbu mela lil sid l-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu" (10:2). Il-ħtieġa li jitolbu dejjem narawha fil-kuntest tat-tixbiha tal-ħabib li mar jitlob lil ħabibu f'nofs ta' lejl: "Għalhekk ngħidilkom: itolbu u jingħatalkom: fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom" (11:9), u fit-tixbiha l-oħra tal-armla u l-imħallef (ara 18:1-8). U qabel l-aħħar ċena proprju Ġesù jkompli jħeġġiġhom sabiex jitolbu dejjem: "Mela ishru dejjem u itolbu biex ikun jisthoqqilkom taħarbu dan kollu li għandu jiġri u tieqfu quddiem Bin il-Bniedem" (21:36). It-talb fuq kollox irid ikun wieħed umli u sinċier u mhux għal għajn in-nies, kif naraw fil-parabbola tal-fariżew u l-pubblikan f'18:9-14.

## Konklużjoni

Il-vanġelu ta' San Luqa jibda mela bit-talb fit-tempju ta' Żakkarija u jispiċċa bit-talba ta' tifħir lil Alla fit-tempju mill-Appostli u fiċ-ċentru tal-opra minn tiegħu nsibu t-Talba tal-Missierna. Din l-istruttura fit-tielet vanġelu turi l-qofol u l-importanza tat-talb li huwa dejjem imnebbaħ mill-Ispirtu ta' Alla li mexxa lil Ġesù u lill-Appostli u li għandu wkoll imexxi lilna fit-triq tat-talb.

## Biblijografija


Bottini, G.C., *Introduzione all'Opera di Luca. Aspetti teologici*, Studium Biblicum Franciscanum Analecta 35, Jerusalem 1992.

Conzelmann, H., *The Theology of St. Luke*, Philadelphia (PA) 1981.

Fausti, S., *Una Comunità legge il Vangelo di Luca*, Bologna 2001.

Johnson, L.K., *Gospel of Luke*, Sacra Pagina 3, Collegeville (MN) 1991.

Powell, M.A., *What are they saying about Luke?*, New York 1989.






# IS-SAĊERDOZJU TA' KRISTU F'SOLIDARJETÀ MAGĦNA L-BNEDMIN (LHUD 5,1-4)

***Mons. Lawrenz Sciberras***

Mis-silta fuq imsemmija (Lhud 5, 1-4), id-deskrizzjoni tas-saċerdozju tħaddan fiha tliet elementi wara xulxin. L-ewwel hemm definizzjoni ġenerali, din tafferma relazzjoni doppja tal-qassis il-kbir, ma' Alla u mal-bnedmin; L-ewwel "Kull qassis il-kbir meħud minn fost il-bnedmin, hu mqiegħed għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, biex joffri doni u sagrifiċċji għad-dnubiet". (5,1);



It-tieni hemm preżentazzjoni dwar ir-relazzjoni mal-bnedmin midinbin: "Hu dak li jista' jagħder 'il dawk li ma jafux u li jiżbaljaw, għax huwa mlibbes bid-dgħufija; u minħabba f'hekk għandu joffri sagrifiċċji għad-dnubiet tiegħu wkoll, bħalma joffrihom għad-dnubiet tal-poplu" (5,2-3).

It-tielet hemm preċisazzjoni dwar ir-relazzjoni ma' Alla: "Ħadd m'għandu jieħu b'idejh dal-ġieħ għalih innifsu, imma biss min hu msejjaħ minn Alla. Sewwasew kif kien imsejjaħ Aron" (5,4).

## Definizzjoni

F'din id-definizzjoni naqraw hekk: "Kull qassis il-kbir meħud minn fost il-bnedmin, hu mqiegħed għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla" (5,1). Hawn din id-definizzjoni tinsisti fuq is-solidarjetà bejn il-qassis u l-bnedmin. F'din id-definizzjoni hemm il-prospettiva tat-Testment il-Ġdid dwar is-saċerdozju, biss b'differenza minn dak tat-Testment il-Qadim. Is-saċerdozju tat-Testment il-Qadim kien isir għal Alla.

F'Eżodu 28, 1 Alla qal lil Mosè: "Ressaq lejk lil ħuk Aron u lil uliedu, minn fost il-poplu ta' Iżrael, biex jaqduni bħala qassisin, … " . Hekk ukoll f'Eżodu 30, 30: "Int tidlek lil Aron u wliedu, u tikkonsagrahom biex iservuni ta' qassisin.". Mela fit-Testment il-Qadim il-qassis bħala bniedem tal-kult, qiegħed għas-servizz ta' Alla, biex jaqdi u jservi lil Alla. Però l-awtur tal-ittra lil-Lhud għandu il-kuraġġ li jgħid: "Kull qassis il-kbir meħud minn fost il-bnedmin, hu mqiegħed għall-bnedmin". Hawn issa l-awtur qiegħed jinsisti fuq ir-rabta doppja li torbot il-qassis mal-bnedmin.

## Debħiet u sagrifiċċji

L-awtur jippreċiża li din il-medjazzjoni saċerdotali ssir grazzi għall-offerti u d-debħiet li jsiru fil-maqdes ta' Ġerusalemm. Jidher li hemm tliet tappi ta' moviment. (a) Moviment ta' irfigħ lejn Alla flimkien mal-offerti u s-sagrifiċċji. (b) imbagħad issir il-laqgħa ma' Alla, (ċ) wara hemm l-inżul fejn il-qassis iwassal lin-nies id-doni aċċettati minn Alla. Hawn l-awtur jitkellem minn moviment ta' irfigħ lejn Alla. Barra dan il-qassis il-kbir għandu jħossu ħanin u mimli mogħdrija lejn u ma' dawk li huma mlibbsin "bl-injoranza u l-iżball" (5,2). Għaliex dawn huma żewġ kundizzjonijiet li jnaqqsu ħafna l-gravità tal-ħtija. La inti ma tkunx taf, u dan ma jkunx ġej min-naħa tiegħek, allura l-piż tal-ħtija jonqos ħafna.

## Żewġ kwalitajiet ta' dnubiet

It-Testment il-Qadim jagħmel għażla bejn żewġ kwalitajiet – kategoriji – ta' dnubiet. (**a**) Dawk li wieħed jaqa' fihom mingħajr ebda avvertenza (Num 15, 22-29). U (**b**) dawk li jsiru "b'wiċċu minn quddiem" (Num 15,30a). Din l-espressjoni tinftiehem għarfien sħiħ tad-dnub, mela hemm il-ħtija, Inti kont taf u xorta waħda tajt l-iva, il-kunsens tiegħek. Għal din it-tieni kwalità ta' dnub ma hemm previst ebda sagrifiċċju ta' espjazzjoni. Għax kull min jirribella bil-miftuħ kontra Alla dan għandu jiġi eliminat (Num 15,3-31) mela wkoll ikkastigat għal għemilu. Għall-ewwel kwalità wieħed jista' u għandu jagħmel is-sagrifiċċji ta' tpattija jew espjazzjoni.

Mhux hekk hemm però fit-Testment il-Ġdid, għaliex dan donnu għandu t-tendenza li jinkwadra





d-dnubiet fil-kategorija tal-injoranza. Għalhekk dawn iżommu li l-midneb ma jintebaħx bil-gravità sħiħa ta' dnubu. Hekk jinftiehmu l-kliem ta' Ġesù lil Missieru: "Missier aħfrilhom għaliex ma jafux x'inhuma jagħmlu" (Lq 23,34). Ukoll Pietru f'wieħed mill-ewwel diskorsi tiegħu qal lil-Lhud: "Jiena naf li intom dak li għamiltu kien ġej mill-injoranza kif ukoll għamlu l-kapijiet tagħkom" (Atti 3,17). Hawn Pietru ċekken sew il-ħtija mhux biss tal-poplu imma wkoll tas-Sinedristi. Din hija karatteristika ġdida tas-saċerdozju tat-Testment il-Ġdid meta mqabbel ma' dak tat-Testment il-Qadim: Mela l-qassis il-kbir għandu jħoss ħniena u mogħdrija mal-bnedmin midinbin, għaliex huwa wkoll qiegħed fl-istess sitwazzjoni tagħhom.

## Ir-relazzjoni ma' Alla

Wara li l-awtur tal-Ittra lil-Lhud joħroġ għad-dawl l-aspett ta' solidarjetà bejn il-

qassis il-kbir u l-poplu, l-awtur jgħaddi għal dik ma' Alla. "Ħadd ma jista' jieħu fuqu nnifsu dan l-unur jekk ma jkunx imsejjaħ minn Alla, bħal Aron" (5,4). Li wieħed ikun saċerdot, din mhix xi konkwista tal-bniedem, imma don ta' Alla u għalhekk wieħed għandu jirċevih bl-umiltà u bid-disposizzjoni umli u mċekkna tal-qalb. Fir-realtà anke l-ewwel qassis il-kbir Aron ma għamilx lilu nnifsu qassis, imma ġie magħżul u msejjaħ minn Alla.

Fil-ktieb tan-Numri 16, 31-35 hemm storja tassew kerha u li tkexkex. Hawn jidher sew li s-saċerdozju mhux qiegħed hemm biex minħabba fih wieħed ikun fuq l-oħrajn u japprofitta minn dik il-pożizzjoni tiegħu. Bil-maqlub, is-saċerdozju qiegħed għas-servizz tal-poplu. Ukoll wieħed ma jistax jgħaddi din il-missjoni lill-oħrajn qisha kienet xi ħaġa li tintiret u forsi wkoll dan bi dritt. "Kif temm jgħid dan il-kliem inqasmet l-art taħthom, fetħet fommha, u belgħet lilhom u l-familji tagħhom, u n-nies kollha li kienu ma' Koraħ b'ġidhom b'kollox. U niżlu ħajjin huma u kull ma kellhom f'qiegħ l-art, ngħalqet l-art fuqhom, u nqerdu minn nofs il-ġemgħa" (Num 16, 31-32).

## Konsolidarjetà ma' Kristu

F'din id-deskrizzjoni toħroġ fil-beraħ l-umiltà ta' Kristu u ċ-ċaħda sħiħa tiegħu għal awtoglorifikazzjoni. "Għax hekk ukoll Kristu ma tax lilu nnifsu l-ġieħ li jkun il-qassis il-kbir, imma dan tahulu Alla, li qallu: 'Ibni int; illum jien nissiltek.'" (5,5). Is-saċerdozju ta' Kristu mhux frott ta' xi ambizzjoni, biex jigglorifika lilu nnifsu, imma kien att volontarju ta' ubbidjenza: "…hawn jien ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, O Alla, " (Lhud 10,7) kif ukoll umiljazzjoni l-aktar kbira: "… ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib." (Fil 2,8).

Is-siġil u l-konferma tas-saċerdozju ta' Kristu deher fl-aqwa tiegħu fil-passjoni u l-mewt ta' Ġesù. Kristu ġie ddikjarat QASSIS minn Alla Missieru wara l-konsagrazzjoni saċerdotali li din tikkonsisti fis-solidarjetà sħiħa mal-bnedmin sal-mewt. Kristu mela sar qassis permezz tal-passjoni tiegħu, biex hekk seħħ it-twettiq tas-salm 110 "Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek".

Ċertament Kristu diġà kien destinat mill-ewwel waqt għal dan is-saċerdozju, però l-waqt meta kiseb dan kollu u sħiħ tassew kien waqt il-passjoni. "U billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu, wara li Alla għamlu l-qassis il-kbir skont l-ordni ta' Melkisedek" (Lhud 5,9-10). L-awtur tal-ittra lil-Lhud ikompli l-verità tat-tpattija: "Id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma safja lil Alla, jista' jnaddaf il-kuxjenza tagħkom mill-għemil mejjet biex taqdu lil Alla ħaj" (Lhud 9,14).

## Offerta drammatika

Fil-versi Lhud 5,7-10 toħroġ għad-dawl offerta drammatika

tassew. It-ton huwa differenti sew minn dak ta' qablu; u dan għaliex huwa wieħed ta' tagħlim. Issa t-ton isir drammatiku tassew. Il-kelmiet "fil-jiem li matulhom kien jgħix", juru d-dgħjufija tal-bniedem meta jkun espost għat-tbatija u l-mewt. Wara dan kollu hemm l-ogħla għotja, il-mewt. Din tiġi ppreżentata bħala debħa sagrifiċċju u fl-istess waqt bħala supplika. "Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt" (5,7).

Hawn ir-riferenza qiegħda għall-ġnien tal-Ġetsemani waqt ħin l-agunija tiegħu. Ġesù għadda minn sitwazzjoni tassew ta' tensjoni drammatika li wasslitu l-ewwel biex joħroġlu d-demm meta l-vini ta' moħħu inqatgħulu, it-tieni meta huwa beka u għajjat sew. Ma' dik ix-xena tremenda tal-Ġetsemani, l-awtur tal-ittra f'moħħu għandu wkoll l-għajjat miksur ta' Ġesù meta mdendel minn fuq is-salib. "Eli Eli, lema sabaqtani?" "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" (Mt 27, 46)

## It-tifsira vera tal-fidwa

Dak biss li jgħaddi mill-provi l-aktar ibsin ikun akkwista l-fibra, u stamina vera tal-ubbidjenza. Hemm differenza kbira bejn id-disposizzjoni għall-ubbidjenza u dik meta tiġi ppruvata. L-inkarnazzjoni tiġbor fiha dan l-aspett. Hekk issa nistgħu nifhmu u nqabblu aktar it-tifsira sħiħa tal-inkarnazzjoni u r-redenzjoni. Ġesù laqa' u ħa n-natura tagħna umana fl-istat imġarraf tagħha! San Pawl, fl-Ittra lill-Efesin, jgħid li Ġesù ħa "il-kundizzjoni ta' skjav" (2,7) u mhux le l-kundizzjoni ta' iben. Anzi ġie mibgħut jixbahna "f'sura ta' ġisem tad-dnub". (Rum 8,3). Kristu ħa din in-natura tagħna biex jibdilha, jġeddidha mill-ġdid u hekk tkun taqbel mal-proġett ta' Alla. Din hi t-tifsira sħiħa tal-fidwa. Permezz ta' ġenerożità fl-ogħla grad, Kristu aċċetta li jsofri minn flokna u għal favur sħiħ tagħna dik it-tbatija li għalina kienet ħaġa indispensabbli. Għalhekk "U, billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu, " (5,9).

Din hija tassew konklużjoni trijonfali tal-awtur tal-ittra!

Fl-agunija u l-passjoni, għalkemm kien għaddej minn tensjoni l-aktar kbira, Ġesù għaqqad aktar ir-relazzjoni tiegħu ma' dik ta' Alla, kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu ma' dik ta' ħutu l-bnedmin. Fil-mewt tiegħu mbagħad fuq is-salib, Ġesù kompla wassal sal-aħħar din ir-rabta sa l-ogħla perfezzjoni.





# IL-QAWWA U L-GLORJA TAL-FIDI FL-ITTRA LIL-LHUD, KAPITLU II (L-EWWEL PARTI)

**_Marcello Ghirlando ofm_**

Kien fil-11 ta' Ottubru 2011 li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI ippubblika l-Ittra Appostolika *Porta Fidei* li fiha ħabbar s-Sena tal-Fidi li bdiet f'Ottubru tal-2012. F'din l-Ittra Appostolika l-Papa ta r-raġunijiet għaliex kien sejjaħ għaċ-ċelebrazzjoni ta' Sena tal-Fidi. Huwa ried li din is-Sena tal-Fidi, li tagħlaq fl-24 ta' Novembru tal-2013, toffri "opportunità

biex il-Knisja tidħol fi żmien ta' riflessjoni u tiskopri mill-ġdid id-don tal-fidi". Fil-fatt il-Papa jikkumenta fuq l-urġenza ta' tiġdid fil-Knisja fis-soċjetà tagħna, "li, illum aktar mill-passat tħabbat wiċċha mal-mistoqsijiet li huma frott mentalità mibdula". Quddiem il-kriżi kbira ta' fidi fid-dinja tal-lum, is-Sena tal-Fidi, u anke din l-istess Ittra Appostolika, hija sejħa għal konversjoni mġedda lejn il-Mulej, il-Feddej waħdieni tad-dinja.

F'din l-Ittra Appostolika, li ġiet deskritta minn uħud bħala "enċiklika żgħira", il-Papa jistieden lill-insara biex ma jaqtgħux qalbhom filli jilqgħu u jgħixu d-don tal-fidi billi mhux biss iqiegħdu l-ħarsa tagħhom fuq il-Mulej Ġesù, imma wkoll fuq Marija u l-qaddisin kollha. Il-ħarsa lejn dawn, li matul l-istorja għexu minn qalbhom u b'mod erojku l-fidi, għandha tixprunana biex anke fiż-żminijiet tagħna nagħmlu l-istess.

Hekk igħid testwalment il-Papa Benedittu XVI fin-numru 13 tal-*Porta Fidei*: "Matul din is-Sena huwa importanti ħafna li nerġgħu ngħaddu mit-triq tal-fidi tagħna, li fiha nsibu l-misteru kbir tan-nisġa bejn il-qdusija u d-dnub. Filwaqt li l-qdusija turi biċ-ċar is-sehem kbir li rġiel u nisa offrew b'risq it-tkabbir u l-iżvilupp tal-komunità bix-xhieda ta' ħajjithom, id-dnub għandu jqanqal fina konversjoni sinċiera u dejjiema biex nagħmlu esperjenza tal-ħniena tal-Missier li jagħti l-għajnuna tiegħu lil kulħadd".



"Matul dan iż-żmien jeħtiġilna nżommu ħarsitna tagħna fuq Ġesù Kristu, "li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna" (*Lhud* 12, 2): fih jintemm kull qtigħ il-qalb u kull xewqa fil-qalb tal-bniedem. Il-ferħ tal-imħabba, it-tweġiba għan-niket tat-tbatija u l-uġigħ, il-qawwa tal-maħfra quddiem il-weġgħat li nirċievu u r-rebħa tal-ħajja quddiem il-vojt tal-mewt, dan kollu jsib it-tmiem tiegħu fil-misteru tal-Inkarnazzjoni, fiH li sar bniedem, qasam magħna l-miżerja umana u bidilha bil-qawwa tal-Qawmien tiegħu. Fih, li miet u rxoxta biex isalvana, l-eżempji tal-fidi li mmarkaw dawn l-elfejn sena tal-istorja tas-salvazzjoni tagħna jsibu dawl sħiħ".

"Il-fidi wasslet lil Marija biex tilqa' l-kelma tal-Anġlu u temmen li kienet se ssir Omm Alla billi tkun il-qaddejja tal-Mulej (ara *Lq* 1, 38). Meta marret iżżur lil Eliżabetta, hi għamlet għanja ta' tifħir lil Alla l-għoli għall-affarijiet tal-għaġeb li jseħħu f'min jafda fiH (ara *Lq* 1, 46-55). B'ferħ u tregħid welldet l-Iben il-waħdieni tagħha u baqgħet verġni (ara *Lq* 2, 6-7). Fdat f'Ġużeppi l-għarus tagħha u ħadet lil Ġesù l-Eġittu biex tħarsu mill-persekuzzjoni ta' Erodi (ara *Mt* 2, 13-15). Bl-istess fidi hi mxiet wara l-Mulej fil-predikazzjoni tiegħu u baqgħet miegħU sal-Golgota (ara *Ġw* 19, 25-27). Bil-fidi Marija daqet il-frott bnin tal-qawmien ta' Ġesù u, filwaqt li kienet tgħożż kull ħaġa f'qalbha (ara *Lq* 2,19.51), għaddietha lit-Tnax li kienu magħha fiċ-Ċenaklu biex



jirċievu l-Ispirtu s-Santu (ara *At* 1,14; 2,1-4)".

"Bil-ħila tal-fidi tagħhom l-Appostli ħallew kollox warajhom biex jimxu wara l-Imgħallem (ara *Mk* 10,28). Huma emmnu fil-kliem li bih ħabbar li s-Saltna t'Alla waslet u li twettqet fil-persuna tiegħu (ara *Lq* 11,20). Huma għexu ilkoll flimkien ħaġa waħda mal-ħajja ta' Ġesù li kien jgħaddilhom it-tagħlim tiegħu u li ħallielhom regola ġdida ta' ħajja li biha wara mewtu kellhom jingħarfu bħala dixxipli (ara *Ġw* 13,34-35). Bil-ħila tal-fidi marru fid-dinja kollha, u wasslu l-Evanġelju lil kull bniedem (ara *Mk* 16,15) u, bla ebda biża' ta' xejn, ħabbru lil kulħadd il-ferħ tal-qawmien mill-mewt li tiegħu kienu xhieda fidili".

"Bil-ħila tal-fidi d-dixxipli ffurmaw l-ewwel komunità miġbura madwar it-tagħlim tal-Appostli, fit-talb, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, fil-qsim ta' kull ma kellhom biex jagħmlu tajjeb għall-bżonnijiet tal-aħwa (ara *At* 2,42-47)".

"Bil-ħila tal-fidi l-martri taw ħajjithom biex jixhdu għall-verità tal-Evanġelju li kien bidlilhom ħajjithom u tahom il-ħila jagħtu l-akbar don tal-imħabba billi ħafru lil min ippersegwithom".

"Bil-ħila tal-fidi rġiel u nisa kkonsagraw ħajjithom lil Kristu billi ħallew kollox biex jgħixu, fis-sempliċità tal-Evanġelju, l-ubbidjenza, il-faqar u s-safa, li huma sinjali konkreti tal-istennija tal-Mulej li dalwaqt jasal. Bil-ħila tal-fidi ħafna nsara wiegħdu li jaħdmu b'risq il-ġustizzja biex jgħixu f'ħajjithom il-kelma tal-Mulej, li ġie biex iħabbar il-ħelsien mill-jasar u sena ta' grazzja għal kulħadd (ara *Lq* 4,18-19)".

"Bil-ħila tal-fidi tagħhom, matul is-sekli, irġiel u nisa ta' kull età, li isimhom jinsab miktub fil-Ktieb tal-ħajja (ara *Ap* 7,9; 13,8), stqarrew is-sbuħija tal-mixja wara l-Mulej Ġesù kull meta kienu jissejħu biex jagħtu xhieda tat-twemmin nisrani tagħhom: fil-familja, fil-professjoni, fil-ħajja pubblika, fil-qadi tal-kariżmi u ministerji li għalihom kienu msejħin".

"Aħna wkoll ngħixu bil-ħila tal-fidi: billi nagħrfu b'mod ħaj lill-Mulej Ġesù, li jinsab preżenti f'ħajjitna u fl-istorja".

## L-Ittra lil-Lhud 11

Meta naqraw dan in-numru tal-Ittra Appostolika, il-ħsieb tiegħi imur għal kapitlu 11 tal-Ittra lil-Lhud. U dan għal żewġ raġunijiet: l-ewwel nett għaliex il-Papa jibda dan in-numru 13 billi jinqeda bil-vers 2 tal-kapitlu 12 tal-Ittra lil-Lhud, vers li huwa konklużjoni loġika tad-diskors li l-awtur sagru jagħmel fil-kapitlu 11; u t-tieni nett għaliex il-Papa bħal donnu huwa mnebbaħ mid-diskors ta' Lhud 11, diskors li bih l-awtur sagru tal-Ittra jħeġġeġ lill-ewwel insara iħarsu d-don tal-fidi billi jagħtu ħarsa lura lejn l-istorja tas-salvazzjoni u l-fidi erojka tal-persunaġġi l-kbar tal-Iskrittura.

Hekk jikteb l-awtur sagru tal-Ittra lil-Lhud fil-kapitlu 11, 1-40

u 12, 1-3: "Il-fidi hija pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ li ma narawx. In-nies tal-imgħoddi għoġbu lil Alla sewwasew għax kellhom il-fidi. Hu permezz tal-fidi li aħna nemmnu kif Alla ħoloq id-dinja bil-kelma tiegħu, hekk li minn dak li ma narawx sar dak li jidher".

"Kien permezz tal-fidi li Abel offra lil Alla sagrifiċċju aħjar minn ta' Kajin, sagrifiċċju li bis-saħħa tiegħu kiseb xhieda li hu kien raġel ġust, u Alla tah xhieda tad-doni tiegħu; u b'dik il-fidi hu għadu jsamma' leħnu għad li miet".

"Kien minħabba fil-fidi tiegħu li Ħenok ittieħed minn fostna hekk li hu l-mewt ma rahiex; ma nstabx iżjed, għax Alla kien ħadu. U tassew, qabel ma ttieħed kien kiseb xhieda li hu kien għoġob lil Alla. Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq lejn Alla jeħtieġlu jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li jfittxuh".

"Kien minħabba fil-fidi tiegħu li Noè, mgħarraf minn Alla dwar ħwejjeġ li kienu għadhom ma jidhrux, mimli b'biża' qaddis bena arka biex isalva l-familja tiegħu; u b'dik il-fidi kkundanna





d-dinja u sar werriet tal-ġustizzja li tinkiseb bis-saħħa tal-fidi".

"Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex imur f'art li kien se jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn kien sejjer. Kienet il-fidi li ġagħlitu jgħammar fl-art imwiegħda, qisu barrani f'art barranija, u jgħix taħt it-tined flimkien ma' Iżakk u Ġakobb, li kienu werrieta miegħu tal-istess wegħda; għax hu kien iħares 'il quddiem, lejn il-belt mibnija fis-sod, li l-imgħallem u l-bennej tagħha huwa Alla".

"Kienet ukoll il-fidi li biha Sarah, mara mdaħħla fiż-żmien, setgħet titqal, għax hija għarfet li ta' kelmtu kien dak li għamlilha l-wegħda. Kien għalhekk li minn bniedem wieħed, li kien tista' tgħid mejjet, twieldu nies bil-kotra daqs il-kwiekeb tas-sema u daqs ir-ramel ta' xatt il-baħar, li ħadd ma jista' jgħoddu.

"Kollha bil-fidi mietu dawn in-nies. Kienu għadhom ma ħadux dak li kien imwiegħed, iżda huma rawh mill-bogħod u sellmulu, waqt li għarfu li huma kienu barranin u għorba fuq l-art. Tabilħaqq, dawk li jitkellmu b'dan il-mod juru ċar li huma qegħdin ifittxu pajjiż għalihom. Li kieku kellhom fi ħsiebhom il-pajjiż li minnu kienu ħarġu, kellhom żmien biżżejjed biex jerġgħu lura fih. Imma issa huma jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri, dak tas-sema. Huwa għalhekk li Alla ma jistmellx jissejjaħ Alla tagħhom, għax hu ħejja belt għalihom".

"Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham joffri 'l Iżakk meta Alla ġarrbu; u kien se joffri lil ibnu l-waħdieni sewwasew dak li kien ħa l-wegħdiet, hu li Alla kien qallu: «Minn Iżakk int għad ikollok nisel.» Huwa fehem li Alla kellu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt; u, fis-sens ta' tixbiha, ħadu tabilħaqq lura mill-mewt".

"Kien ukoll permezz tal-fidi li Iżakk bierek 'il Ġakobb u 'l Għesaw dwar dawk il-ħwejjeġ li kellhom jiġu. Permezz tal-fidi Ġakobb, hu u jmut, bierek lil kull wieħed minn ulied Ġużeppi u ta qima lil Alla, waqt li tbaxxa fuq tarf il-bastun li kellu. Permezz tal-fidi Ġużeppi, fl-aħħar ta' ħajtu, tkellem fuq il-ħruġ tal-Iżraelin mill-Eġittu u qalilhom x'kellhom jagħmlu b'għadmu".

"Kien permezz tal-fidi li, meta twieled Mosè, missieru u ommu ħbewh għal tliet xhur, għax raw kemm kien tifel sabiħ, bla ma beżgħu mill-ordni tas-sultan. Permezz tal-fidi Mosè, meta kiber, ma riedx jissejjaħ bin it-tifla tal-Fargħun; u għażel li aħjar ikun imkasbar

flimkien mal-poplu ta' Alla milli jgawdi l-hena tad-dnub, hena li jgħaddi f'qasir żmien. Deherlu li t-tmaqdir ta' Kristu huwa għana akbar mit-teżori tal-Eġittu, għax ħares 'il quddiem lejn il-ħlas. Permezz tal-fidi ħalla l-Eġittu bla ma baża' mill-qilla tas-sultan; żamm iebes, daqs kemm kieku kien qiegħed jara lil Alla li ma jidhirx. Permezz tal-fidi għamel l-ikla tal-Għid u raxxax id-demm, biex l-anġlu tal-mewt ma jolqotx lill-ulied il-kbar tal-Iżraelin. Kien permezz tal-fidi li l-Iżraelin qasmu l-Baħar l-Aħmar qishom fuq art niexfa, waqt li għerqu l-Eġizzjani, li marru biex jagħmlu bħalhom".

"Kien permezz tal-fidi li waqgħu l-ħitan ta' Ġeriko wara li l-Iżraelin daru magħhom għal sebat ijiem. Permezz tal-fidi Raħab iż-żienja ma ntilfitx ma' dawk ta' rashom iebsa, għax kienet laqgħet bis-sliem l-ispiji li marru jitkixxfu l-art".

"X'se ngħid iżjed? Ma nsibx żmien biżżejjed biex insemmi fuq Gidgħon, Barak, Sansun, Ġefti, David, Samwel u l-profeti. Bil-qawwa tal-fidi huma rażżnu saltniet, għamlu l-ġustizzja, kisbu l-wegħdiet; saddew ħalq l-iljuni, tfew il-qawwa tan-nar, ħelsu minn xifer is-sejf, fiequ mill-mard, tqawwew fit-taqbid, ħarrbu l-eżerċti tal-barranin. Nisa ħadu lura l-mejtin tagħhom irxuxtati mill-mewt. Oħrajn ħaqruhom għall-mewt, għax irruftaw il-ħelsien biex jiksbu qawmien aħjar. Oħrajn sofrew żebliħ u swat u saħansitra ktajjen u ħabs. Kienu mħaġġra, mħanxra minn nofshom, maqtula bis-sejf; ħarġu jiġġerrew imlibbsin bi ġlud tan-nagħaġ u tal-mogħoż, neqsin minn kollox, mħabbtin u maħqurin. Id-dinja ma kienx jixirqilha jkollha nies bħal dawn. Huma qagħdu jiġġerrew fid-deżert u fuq l-għoljiet, fl-għerien u fl-irkejjen tal-art".

"U dawn kollha, għad li qalgħu xhieda tajba bis-saħħa tal-fidi tagħhom, ma kisbux dak li kien imwiegħed, billi Alla rafa' xi ħaġa aħjar għalina, bil-ħsieb li huma ma jaslux għall-perfezzjoni mingħajrna".

"Ladarba aħna wkoll għandna madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda, ejjew inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u b'qalbna qawwija nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna; nżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna; hu li, flok l-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies l-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta' Alla. Aħsbu mela fih, li qagħad għal oppożizzjoni hekk kbira min-naħa tal-midinbin, biex ma tegħjewx u ma taqtgħux qalbkom".

## L-Ittra lil-Lhud

Biex nifhmu aħjar dan il-kapitlu tant sabiħ, speċjalment fil-kuntest ta' din is-Sena tal-Fidi li qed niċċelebraw bħala Knisja, ikun opportun jekk f'din l-ewwel parti nintroduċu rwieħna għall-Ittra lil-Lhud.

Tissejjaħ 'ittra', imma fil-fatt, kif wieħed jista' jinduna, mgħandhiex il-karatteristiċi

tal-ittri. Jidher li din il-kitba hija espressjoni miktuba ta' diskors. Diskors li sar u li ġie miktub biex jintbagħat lil diversi nsara u għalhekk mad-diskors ġie miżjud biljett (13, 22-25) u xi informazzjoni.

Anke rigward id-destinatarji ta' dan id-diskors miktub, il-kelma 'lil-Lhud' mhix għal kollox ċara. Hemm min żamm li d-destinatarji kienu Insara Lhud li kienu jitkellmu bl-Ebrajk u jgħixu fil-Palestina: imma jidher ċar li l-grieg tal-ittra mhuwiex Grieg ta' traduzzjoni. Oħrajn żammew li d-destinatarji kienu Lhud mhux Insara: ipotesi li ma żżommx għax l-awtur irid iħeġġeġ il-fidi tas-semmiegħa tiegħu. Li nistgħu ngħidu hu li s-semmiegħa huma komunitajiet insara li ma kinux ġodda (5, 12; 13, 7), komunitajiet li, wara l-ewwel żmien ta' entużjażmu (6, 10; 10, 32-34) kienu qed jillaxkaw (5, 11; 10, 25; 12, 3). Il-ħsieb ta' diffikultajiet ġodda waslet għat-tentazzjoni tan-nuqqas ta' kuraġġ (10, 35-36) u devjazzjonijiet duttrinali mqanqla mill-parti tal-Insara ġejjin min-nisel Lhudi.

L-Ittra nkitbet x'aktarx fis-snin ta' qabel il-qerda tat-Tempju f'Ġerusalemm, qerda li seħħet fis-sena 70 wara Kristu. Dan għaliex l-awtur tal-Ittra lil-Lhud jitkellem mil-liturġija tat-Tempju bħala realtà attwali (10, 1-3).

L-istruttura tal-Ittra lil-Lhud hija studjata u magħmula bir-reqqa tant li f'ħames mumenti preċiżi tagħha l-awtur iħabbar progressivament il-binja tagħha. Fl-Introduzzjoni (1, 1-4) l-awtur jippreżenta lil Kristu, kelma ta' Alla, bħala dak mogħni bl-Isem fuq kull isem: "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu, li hu għamlu werriet ta' kollox, u li bih ukoll għamel il-ħolqien. Hu, l-Iben, li hu d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha tal-essenza tiegħu, u li jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu, wara li naddafna minn dnubietna, qagħad fuq il-lemin tal-kobor ta' Alla fl-għoli tas-smewwiet, u b'hekk sar daqshekk aqwa mill-anġli daqs kemm ogħla minn tagħhom hu l-isem li kiseb".

Fl-ewwel parti tal-Ittra (1, 5 – 2, 18) l-awtur jippreżentalna l-posizzjoni ta' Kristu fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla (1, 5-14) u fir-relazzjoni tiegħu mal-bnedmin (2, 5-18). Għal dan il-għan jinqeda b'paragun mal-posizzjoni tal-anġli. Dan l-iżvilupp iwassal lill-awtur iħabbar is-saċerdozju ta' Kristu(2, 17), saċerdozju li jiġi mfisser fit-tieni parti tal-ittra. "Għalhekk kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox, biex ikun il-qassis il-Kbir, ħanin u fidil f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, u biex ipatti għal dnubiet il-poplu" .

Fit-tieni parti tal-Ittra (3, 1 – 5, 10) l-awtur sagru jitkellem kif fi Kristu jseħħu żewġ aspetti fundamentali tas-saċerdozju: Kristu huwa akkreditat quddiem Alla (3, 1-5) u huwa solidali mal-bnedmin (4, 15 – 5, 10). Il-posizzjoni tiegħu tista' titqabbel

kemm ma' dik ta' Mose' kif ukoll ma' dik ta' Aron: "Hu kien fidil ma' dak li ħatru kif kien ukoll Mose' fid-dar kollha ta' Alla" (3, 2); "Ħadd m'għandu jieħu b'idejh dal-ġieħ għalih innifsu, imma biss min hu msejjaħ minn Alla, sewwasew kif kien imsejjaħ Aron" (5, 4).

Bejn dawn il-paraguni insibu tħeġġiġa twila lill-insara biex jikkultivaw il-fedeltà fis-sejħa tagħhom (3, 7 – 4, 14). Sabiħa immens hija d-deskrizzjoni tal-Kelma ta' Alla li jagħti l-awtur f'4, 12-13: "Il-kelma ta' Alla hija ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb. Xejn ma hemm fil-ħolqien li hu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal għajnejn Alla, li lilu rridu nagħtu kont".

Fit-tielet parti tal-ittra (5, 11 – 10, 39), li nistgħu tabilħaqq inqisuha bħala l-qalba ta' dan id-diskors, l-awtur jitkellem fuq is-saċerdozju ta' Kristu b'duttrina sħiħa u dettaljata. Kristu hu Qassis il-Kbir ta' tip kompletament ġdid (7, 1-28); is-sagrifiċċju tiegħu nnifsu hu għal kollox differenti mir-riti antiki u bl-għotja tiegħu nnifsu fetħilna t-triq għas-santwarju veru (8, 1 – 9, 28); kisbilna fil-verità il-maħfra tad-dnubiet (10, 1-18) u "għalhekk hu medjatur ta' patt ġdid, testament ġdid, biex, wara li seħħet il-mewt għall-fidwa tal-ħtijiet li saru fi żmien il-patt ta' qabel, dawk li huma msejħa minn Alla jiksbu l-wirt ta' dejjem li hu wegħedhom"(9, 15). Hu għalhekk li s-sagrifiċċju ta' Kristu jtemm is-saċerdozju l-qadim, il-Liġi l-qadima, u l-Patt il-Qadim għax "bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz ta'l-offerta tal-ġisem ta' Ġesu' Kristu magħmula darba għal dejjem" (10, 10)..."Issa, fejn hemm il-maħfra tad-dnubiet, ma hemmx għalfejn issir aktar l-offerta għad-dnubiet" (10, 18).

Fir-raba' parti l-awtur jistieden lill-insara biex jilqgħu bil-qalb is-sagrifiċċju ta' Kristu u jinsisti fuq żewġ aspetti fundamentali tal-ħajja nisranija: il-fidi fuq l-eżempju tal-antiki (11, 1-40) u l-ħtieġa tal-perseveranza minkejja d-diffikultajiet (12, 1-13). Hija l-ewwel parti ta' din ir-raba' taqsima l-oġġett ta' dawn l-artikli.

Hu għalhekk li fl-aħħar parti tal-ittra (12, 14 – 13, 18) l-awtur iħeġġeġ lill-insara biex igħixu fil-qdusija u s-sliem qabel ma jibgħat il-barka u l-aħħar tislima tiegħu (13, 18-25): "U Alla tas-sliem, li bis-saħħa tad-demm tal-patt ta' dejjem qajjem mill-imwiet lil Sidna Ġesu', li hu r-Ragħaj il-kbir tan-ngħaġ, iwettaqkom b'kull ħaġa tajba, biex tagħmlu r-rieda tiegħu; ħalli jagħmel hu fina dak li jogħġob lilu b'Ġesu' Kristu, li lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem! Amen" (13, 20-21).

## Kristu Saċerdot li jwelled il-Fidi

Interessanti ninnutaw li din hija l-unika ittra fil-Ġdid Testment kollu li tapplika lil Kristu t-titlu ta' saċerdot u qassis il-Kbir. Dan huwa importanti għaliex

tlaqqam l-opra ta’ Kristu Feddej fit-tradizzjoni biblika f’dak li għandu x’jaqsam mal-kult: riti u sagrifiċċji, saċerdozju, santwarju ta’ Alla ta’ Iżrael.

L-awtur sagru jlaqqam l-opra ta’ Kristu f’din it-tradizzjoni u jifhimha b’mod tassew ġdid; ir-riflessjoni tiegħu nisranija tinfetaħ għal orizzonti ġodda. Fi Kristu glorjuż, li għadda mill-passjoni u l-mewt, hemm it-twettiq sħiħ tas-saċerdozju tiegħu. Iben ta’ Alla u solidali mal-bnedmin ħutu, il-Kristu glorjuż iwassal il-bnedmin għand Alla. Hu għalhekk il-qassis il-kbir u ta’ dejjem, skont l-ordni ta’ Melkisedek. Il-mewt u l-glorifikazzjoni tiegħu huma sagrifiċċju veru, anzi, l-uniku u veru sagrifiċċju li jieħu post is-sagrifiċċji tal-qedem. Il-mewt tiegħu hija offerta personali u perfetta li tlaqqam il-bniedem fiha u tqiegħed l-istess bniedem, issa maħfur minn dnubietu bis-saħħa ta’ Kristu, fir-rieda ta’ Alla u f’intimità mal-Missier.

Dan kollu huwa don ta’ Alla għall-bnedmin, għaliex huwa Alla stess li wettaq permezz ta’ Ibnu din il-bidla radikali fil-bniedem!

Hu proprju għalhekk li l-bniedem jista’ jersaq lejn Alla b’fiduċja sħiħa; id-dnub inqered, l-għadu ntrebaħ, il-ħelsien huwa definittiv u miksub. L-insara għalhekk għandhom sehem minn issa fid-dinja li għandha tiġi. Iż-żmien il-ġdid, frott l-opra tal-fidwa fi Kristu, diġà beda u kull min jemmen jistenna id-dehra tal-Feddej.

Din ir-relazzjoni ġdida ma’ Alla permezz ta’ Kristu hija reali; hija relazzjoni li tiġi mogħtija permezz tal-fidi u li ddaħħal lil kull min jemmen fil-mistrieħ ta’ Alla. Hu għalhekk li l-Ittra lil-Lhud tħeġġeġ kontinwament biex in-nisrani jikber fil-fidi, jgħix fil-qdusija u, minkejja d-diffikultajiet, jippersevera fil-ħajja l-ġdida. It-tbatija tal-Mulej għandha tkun ankra u xempju għal kull min jemmen; il-ħajja tan-nisrani b’hekk titlaqqam fis-sagrifiċċju ta’ Kristu u ssir hi wkoll offerta konkreta ta’ ħajja. Offerta li tingħaqad ma’ dik tal-insara kollha, fl-għaqda ta’ dawk li jemmnu fi Kristu, li jaħdmu flimkien, li jitolbu flimkien u li huma magħquda fil-Knisja. Skont l-awtur, hija għalhekk illużjoni kbira li wieħed jippretendi li jasal għand Alla mingħajr Kristu…u anke mingħajr ħutu. “Inżommu sħiħ fl-istqarrija tat-tama tagħna, għax ta’ kelmtu huwa dak li għamlilna l-wegħda. Naraw kif nistgħu nħajru lil xulxin għall-imħabba u għall-għemil it-tajjeb. Ma ninqatgħux mil-laqgħat tagħna flimkien, kif ħadu d-drawwa jagħmlu xi wħud; agħmlu l-qalb lil xulxin; u dan wisq aktar għandkom tagħmluh, aktar ma taraw li qiegħed joqrob il-Jum”(10, 23-35).

*(Ikompli)*



# 'IL-LHUD' FL-EVANĠELJU SKONT SAN LUQA U FL-ATTI TAL-APPOSTLI (I)

*Rev. Dr Martin Micallef ofm cap*

L-Evanġelista San Luqa huwa uniku fost l-erba' Evanġelisti għall-fatt li ma kitibx biss l-Evanġelju, imma segwa din l-ewwel kitba tiegħu bit-tieni volum, dak li aħna nsejħulu l-Atti tal-Appostli. Dan ifisser li jekk irridu nippruvaw nistudjaw xi tema partikulari mill-Evanġelju skont San Luqa, ma nistgħux nagħlqu għajnejna għall-Atti tal-Appostli. Dan jgħodd b'mod



speċjali għall-mod kif dan l-awtur jitratta l-poplu Lhudi/Iżrael fiż-żewġ xogħlijiet tiegħu. L-attitudni ta' San Luqa lejn il-Lhud aktarx li hija wieħed mill-aktar suġġetti kontroversjali fl-istudji kontemporanji ta' Luqa-Atti.[1] Dan minħabba l-fatt li l-evidenza f'dawn iż-żewġ kitbiet ta' San Luqa twassalna f'direzzjonijiet differenti fl-istess ħin: Luqa-Atti huma fost l-aktar kitbiet favur il-Lhud u fl-istess ħin huma wkoll fost l-aktar kitbiet kontra l-Lhud fit-Testment il-Ġdid.

## Se ndur lejn il-Pagani

Awturi bħal J.B. Tyson,[2] jiddistingwu bejn it-tweġibiet negattivi tal-mexxejja reliġjużi Lhud u t-tweġibiet pożittivi tal-poplu Lhudi. Filwaqt li l-mexxejja warrbu lil Ġesù sa mill-bidu tal-ministeru tiegħu, il-poplu jaċċettah. Iżda mqar din l-aċċettazzjoni tal-poplu tinbidel fi tweġiba finali lejn l-aħħar tal-Evanġelju fejn il-poplu jeħodha wkoll kontra Ġesù u jispiċċa biex iwassal lil Ġesù għall-kundanna tal-mewt. Dan l-istess *pattern* nerġgħu narawh fl-Atti tal-Appostli fejn il-ġemgħa f'Ġerusalemm għall-ewwel tilqa' l-predikazzjoni tal-appostli, iżda aktar tard din l-aċċettazzjoni tinbidel f'waħda li twarrab il-messaġġ tal-appostli.

Dan il-*pattern* jispjega wkoll tliet testi mill-Atti tal-Appostli li fihom naqraw kif Pawlu jkompli jippriedka fis-sinagoga mqar wara li jieħu deċiżjoni li jmur għand il-Pagani. Hekk, fl-Atti 13, 44-46 naqraw: "Is-Sibt ta' wara, tista' tgħid il-belt kollha nġabret biex tisma' l-kelma tal-Mulej. Il-Lhud, meta raw il-folol, imtlew bl-għira u bdew imieru lil Pawlu u jidgħulu. Imma Pawlu u Barnaba bil-kuraġġ kollu qalu: 'Hekk kien meħtieġ, li l-kelma ta' Alla titħabbar lilkom l-ewwel. Billi intom qegħdin twarrbuha, u jidhrilkom li ma tisthoqqilkomx il-ħajja ta' dejjem, *aħna se nduru fuq il-pagani*."

Il-kliem 'se nduru fuq il-pagani' hawnhekk juri b'mod ċar li Pawlu kien ħa deċiżjoni li jieqaf u ma jkomplix ixandar il-Bxara t-Tajba lil-Lhud.

Immedjatament wara din id-deċiżjoni naqraw kif mill-ġdid lil Pawlu nerġgħu nsibuh jippriedka fis-sinagoga bħal qabel: "Meta kienu Ikonju, daħlu wkoll fis-sinagoga tal-Lhud u tkellmu b'mod li kotra kbira ta' nies

sew Lhud u sew Griegi emmnu" (Atti 14,1).

Fit-tieni silta, li nsibuha f'Atti 8,5-6 naqraw: "Meta Sila u Timotju waslu mill-Maċedonja, Pawlu ta ruħu kollu kemm hu għax-xandir tal-kelma, u kien jixhed lil-Lhud li Ġesù huwa l-Messija. Iżda huma waqfulu u bdew jidgħulu, u għalhekk Pawlu farfar ħwejġu u qalilhom: 'Intom taħtu għat-telfien tagħkom, jien ma għandix ħtija! *Minn issa 'l quddiem se ngħaddi għal għand il-pagani*.'"

Imma mqar hawnhekk, l-espressjoni "se ngħaddi għal għand il-pagani" mhijiex nota finali. Minkejja din l-affermazzjoni li Pawlu kien se jitlaq is-sinagaga darba għal dejjem, San Luqa jurina kif il-predikazzjoni ta' Pawlu ġiet milqugħa tajjeb mil-Lhud ta' dik il-belt, inkluż bil-magħmudija tal-kap tas-sinagoga. Hekk naqraw: "Imbagħad telaq minn hemm u mar għand wieħed jismu Titu Ġustu, li kien iqim lil Alla, u li daru kienet maġenb is-sinagoga. Krispu, il-kap tas-sinagoga, u l-familja tiegħu kollha emmnu fil-Mulej, u ħafna mill-Korintin, li kienu jisimgħu lil Pawlu, emmnu huma wkoll u tgħammdu" (Atti 18,7-8).

L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għat-tielet referenza li nsibu lejn tmiem il-ktieb tal-Atti tal-Appostli. Hawnhekk naqraw kif Pawlu jikkwota mill-kliem ta' Isaija l-profeta lill-udjenza Lhudija: "Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset; kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom u għalqu għajnejhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħhom .. Kunu afu, mela, *li Alla bagħat din is-salvazzjoni tiegħu lill-pagani; u huma jisimgħu*" (Atti 28,27-28).

Mhux faċli naslu għall-konklużjoni jekk permezz ta' din il-kwotazzjoni minn Isaija, San Luqa riedx jurina li l-poplu Lhudi issa ġie eskluż għal kollox mill-pjan tas- salvazzjoni. L-istudjużi jvarjaw fil-konklużjoni tagħhom fuq il-fatt li din il-kwotazzjoni nsibuha proprju lejn tmiem l-Atti tal-Appostli. Tgħid San Luqa jqiegħed dan it-test minn Isaija apposta fl-aħħar taż-żewġ volumi tiegħu biex jurina li issa l-bibien kienu ngħalqu għal-Lhud? M'aħniex se nwieġbu din il-mistoqsija f'dan il-punt tal-artiklu. Minflok se nkomplu neżaminaw testi oħra minn Luqa-Atti li jitfgħu aktar dawl fuq din il-mistoqsija.

## Elementi Pożittivi

S'issa mela rajna li meta nistaqsu x'jaħseb San Luqa fuq il-poplu Lhudi ma nirċevux lura tweġiba faċli. Filwaqt li hemm opinjonijiet differenti kurrenti, nistgħu ngħidu li hemm żewġ għażliet ewlenin. Jew li Luqa ried jiddistingwi bejn dawk il-Lhud li aċċettaw l-Evanġelju u saru nsara u dawk li baqgħu ma ridux jaċċettaw il-messaġġ tal-Evanġelju. Jew inkella li Luqa ma jagħmel l-ebda distinzjoni u jikkundanna l-poplu Lhudi b'mod kollettiv għall-ebusija ta' qalbhom.

Jidher li San Luqa ma jqegħidx lil-Lhud f'qoffa waħda imam, per eżempju, huwa jitkellem fuq bosta mill-mexxejja reliġjużi Lhud u jiddistingwi bejniethom. Aktar minn hekk, dan l-awtur jenfasizza l-fatt li ħafna mil-Lhud aċċettaw il-messaġġ tal-Evanġelju u tgħammdu. Hekk naqraw fl-ewwel Kapitli tal-Atti tal-Appostli li jiddeskrivu l-ħajja tal-knisja tal-bidu f'Ġerusalemm.

San Luqa ried ikun żgur li l-qarrejja tiegħu jkunu jafu li "dawk li laqgħu kliemu tgħammdu u dakinhar ingħaqdu mad-dixxipli *madwar tliet elef ruħ*" (Atti 2,41). Ftit versi wara nerġgħu naqraw: "u minn jum għal ieħor il-Mulej *kien iżidilhom magħhom* lil dawk li jkunu salvi" (2,47). F'4,4 nerġgħu nsibu n-nota li "ħafna minn dawk li kienu semgħu l-kelma emmnu, u *l-għadd tagħhom kien jilħaq mal-ħamest elef ruħ*." Fil-Kapitlu ta' wara naqraw ukoll: "L-għadd ta' dawk li kienu jemmnu fil-Mulej, kemm irġiel kemm nisa, *kien dejjem jiżdied u joktor*" (5,14), filwaqt li fil-bidu tal-Kapitlu 6, insibu li "f'dawk il-jiem l-għadd tad-*dixxipli*



*kien qiegħed jiżdied*" (6,1). Fil-v.7, imbagħad, naqraw li "l-għadd tad-*dixxipli kien jiżdied* ħafna f'Ġerusalemm, u kotra kbira ta' qassisin kienu joqogħdu għall-fidi."

Meta niġu għall-missjoni ta' Pawlu kif insibuha deskritta fl-Atti tal-Appostli, San Luqa b'mod konsistenti jirreferi għar-reazzjonijiet tal-predikazzjoni ta' Pawlu, kemm min-naħa tal-Lhud kif ukoll tal-Pagani. Xi drabi huwa jinnota li xi Lhud kienu 'jemmnu.' Hekk, per eżempju, f'Atti 17, 10-12 naqraw: "Minnufih bil-lejl l-aħwa qabbdu t-triq lil Pawlu u lil Sila għal Berija. Kif waslu hemm, baqgħu sejrin lejn is-sinagoga tal-Lhud. Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu. Għalhekk ħafna minnhom emmnu …"



Il-fatt li wħud mil-Lhud saru nsara filwaqt li oħrajn baqgħu m'aċċettawx il-messaġġ tal-Evanġelju huwa punt li ħadd ma jista' jmerieh fin-narrativa tal-Atti tal-Appostli. Ma' dan irridu nżidu wkoll li San Luqa jinserixxi bosta elementi pożittivi fuq il-Lhud fiż-żewġ volumi li kiteb.

L-Evanġelju ta' San Luqa jibda bir-rakkonti tat-twelid ta' Ġesù li fihom niltaqgħu ma' bosta personaġġi li huma ppreżentati bħala mudelli ta' mġiba tajba Lhudija mingħajr ebda kritika fuq il-fatt li huma kienu osservanti għal-Liġi ta' Mosè. Hekk, per eżempju, Żakkarija, missier Ġwanni l-Battista, huwa ppreżentat bħala saċerdot li kien qed jaqdi dmiru fit-Tempju (ara Lq 1, 5-25). Xmun u Anna nsibuhom ukoll fit-Tempju fl-episodju tal-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju ta' Ġerusalemm (ara Lq 2, 22-29). Il-ġenituri ta' Ġesù jieħdu lit-tarbija Ġesù fit-Tempju ta' Ġerusalemm sabiex jagħmlu



dak li kienet titlob minnhom il-Liġi (ara Lq 2, 22-24).

Iċ-ċentralità ta' Ġerusalemm u tat-Tempju ta' Ġerusalemm, ikomplu jiddominaw dawn ir-rakkonti. Bosta mill-azzjonijiet f'dawn il-kapitli jseħħu fit-Tempju ta' Ġerusalemm, jew inkella fi triq lejn jew lura mit-Tempju, filwaqt li tnejn mit-tliet Innijiet, il-*Benedictus* (Lq 1,68-79) u *Nunc Dimitis* (2,29-32) jiġu mtennija fit-Tempju. It-tliet innijiet, imbagħad, inkluż il-*Magnificat* (1,46-55) huma mimlijin b'allużjonijiet għat-Testment il-Qadim.

Iċ-ċentralità tat-Tempju ta' Ġerusalemm tkompli tidher mill-fatt li r-rakkonti tat-twelid u tat-tfulija ta' Ġesù jibdew u jispiċċaw f'dan it-Tempju (ara 1,5-25; 2,41-52). Hemm imbagħad il-vjaġġ ta' Ġesù lejn Ġersualemm li jibda f'9,51 u li fuqu nistgħu ngħidu li jinbena dan l-Evanġelju. Hekk ukoll is-sekwenza tat-tliet tentazzjonijiet ta' Ġesù jidher li San Luqa irranġaha biex fl-aħħar iqiegħed dik li sseħħ f'Ġerusalemm f'kuntrast ma' dak li naqraw f'San Mattew fejn din it-tentazzjoni tiġi t-tieni u mhux it-tielet waħda (ara Lq 4, 1-13; Mt 4,1-11).

Imqar meta niġu għall-ġrajja ta' meta Ġesù jidħol fit-tempju u

hemmhekk isib il-bejjiegħa, din mhux biss tiġi mqassra drastikament f'San Luqa meta nqabbluha mal-mod kif jirrakkontaha San Mark (ara Lq 19,45-48; Mk 11,15-19), iżda wkoll naqraw li Ġesù "kien jgħallem kuljum fit-tempju" (Lq 19,47; 20,1).

Hekk ukoll meta niġu għad-dehriet ta' Kristu Rxoxt, dawn ma jseħħux fil-Galilija kif naqraw fl-Evanġelju skont San Mattew. Minflok f'San Luqa kollox jiġri f'Ġerusalemm, iċ-ċentru tat-twemmin Lhudi. Din fil-fatt kienet l-ordni li Kristu Rxoxt jagħti lill-appostli fil-bidu tal-Ktieb tal-Atti tal-Appostli (ara Atti 1,3-4).

## Għax ma kontux tafu

Din l-istampa pożittiva tkompli wkoll fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli fejn l-ewlenin Insara komplew iqimu lil Alla fit-Tempju ta' Ġerusalemm. Kull kritika kontra r-responsabbilità tal-Lhud għall-mewt ta' Ġesù tiġi skużata għall-fatt li dawn għamlu hekk minħabba 'l-injoranza' tagħhom. Hekk f'wieħed mill-ewwel diskorsi tiegħu, Pietru jtenni: "Issa, ħuti, jiena naf li kemm intom u kemm il-kapijiet tagħkom, għamiltu dan għaliex ma kontux tafu" (Atti 3,17). Hekk ukoll it-talba ta' Ġesù fuq is-salib f'Lq 23,34: "Missier, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (Lq 23,34) tiġi ppreżentata f'paralleliżmu ma' dik ta' Stiefnu li waqt li kien qed jiġi mħaġġar jitlob: "Mulej, tgħoddulhomx dan id-dnub" (Atti 7,60).

Pietru bħala dak li kien jitkellem f'isem l-appostli l-oħra, jiġi ppreżentat bħala predikatur profetiku li jxandar l-indiema f'Ġerusalemm fil-bidu tal-Atti tal-Appostli. Fil-Pentekoste huwa jsejjaħ lil-Lhud l-oħra sabiex jerġgħu jduru lejn Alla fid-dawl tal-għeġubijiet li kien wettaq permezz ta' Ibnu Ġesù Kristu.[3] F'Atti 2,36 Pietru jgħid lill-"poplu kollu ta' Iżrael": "li dan Ġesù, li intom sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija." Dan il-kliem insibuh jidwi f'Atti 4,10 fejn mill-ġdid Pietru jtenni: "Mela kun afu dan intom ilkoll, u l-poplu kollu ta' Iżrael … dan ġara bis-saħħa tal-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nazaret li intom sallabtuh." Filwaqt li f'5,30 nerġgħu naqraw: "Alla ta' missirijietna qajjem lil Ġesù li intom qtiltuh billi dendiltuh ma' għuda."

Permezz ta' dawn id-diskorsi, San Luqa jqiegħed ġebla fuq oħra sakemm jibni xbieha li turi l-ħtija tal-poplu Lhudi fil-qtil ta' Ġesù. Dan jagħmlu bi strateġija għaqlija billi jħalli barra s-suġġett tal-verbi. Kien ikun faċli għal dan l-awtur li kieku kiteb li s-Sinedriju jew inkella l-qassisin il-kbar qatlu lil Ġesù, iżda San Luqa ma jagħmilx dan. Din l-istrateġija tidher ukoll fir-rakkonti tal-passjoni fl-Evanġelju skont San Luqa fejn xi wħud mid-dettalji jagħtu l-impressjoni li kienu l-Lhud responsabbli u strumentali għall-mewt ta' Ġesù.



Fil-fatt, fir-rakkonti tal-passjoni, l-oppożizzjoni għal Ġesù ma tiġix biss mill-mexxejja reliġjużi Lhud imma wkoll mill-folla li sa dak il-waqt kienet pjuttost favur Ġesù imma li issa daru kontrih (ara Lq 23,13-25). Min-naħa l-oħra, Pilatu jagħmel li jista' sabiex jeħles lil Ġesù. Tliet darbiet, fil-fatt, Pilatu jiddikjara lil Ġesù bħala innoċenti (ara Lq 23, 4.14.22). Fl-aħħar, Pilatu "lil Ġesù tahulhom bħalma xtaqu" (23,25), jiġifieri, bħalma xtaqu l-Lhud, b'mod illi d-deċiżjoni li jsallbu lil Ġesù tidher li hija waħda Lhudija u mhux Rumana.

Dak li hu interessanti iżda huwa s-sekwenza tal-verbi fil-versi ta' wara, jiġifieri, f'Lq 23, 26-33. Hawnhekk San Luqa juża t-tielet persuna fil-plural 'huma' mingħajr ma jagħtina s-suġġett tal-verbi: "*Huma* u sejrin bih … meta waslu fil-post igħidulu l-Qorriegħa, *sallbuhom hemm …*" Jekk ninterpretaw is-sintassi b'mod strett, 'huma' tal-v.25 tirreferi għal-Lhud u mhux għar-Rumani. Dan għaliex l-aħħar suġġett li jissemma huma il-Lhud, u allura l-verbi ta' wara jibqgħu jirreferu għall-istess suġġett, jiġifieri, il-Lhud.

Imma kif diġà għedna, San Luqa jwitti l-akkuża kontra l-Lhud li kienu huma li qatlu lil Ġesù billi b'mod repettitiv fid-diskorsi li nsibu fl-Atti tal-Appostli jiskuża lil- Lhud li dak li għamlu għamluh għaliex ma kinux jafu lil min qegħdin jikkundannaw.[4] Darbtejn f'Atti 3, 17 u 13,27 San Luqa jikteb li l-Lhud għamlu dak li għamlu għaliex ma kinux jafu. B'dan il-mod, huwa kien qed jimplika li jekk il-Lhud li kienu qed jisimgħu dawn id-diskorsi jikkonvertu u jemmnu, huma jsalvaw.

Imma fl-istess ħin, San Luqa jurina wkoll li issa ma kinetx se tingħata opportunità oħra. L-ewwel att tagħhom li bih huma ċaħdu lil Ġesù ma kienx finali. Huma ma kinux esklużi mill-offerta tas-salvazzjoni. F'isem Ġesù Kristu huma kienu qed jiġu ppreżentati b'opportunità oħra. Imma issa huma kienu jafu u allura ma setgħux iġibu aktar l-iskuża li ma kinux jafu. Il-fatt li Alla kien qajjem lil Ġesù mill-mewt kien qed jintwera wkoll fil-mirakli li Pietru kien qed iwettaq. Dawn il-mirakli kienu xhieda li Kristu Ġesù kien tassew ħaj għaliex kien f'ismu li Pietru kien qed jagħmel dawn l-għeġubijiet.

Għalhekk bħala konklużjoni mid-diskorsi ta' Pietru nistgħu ngħidu li mill-ġdid hawnhekk niltaqgħu ma' sentimenti differenti min-naħa ta' San Luqa. Il-Lhud jiġu akkużati li qatlu lil Ġesù, iżda fl-istess ħin San Luqa jiskużahom għaliex huma għamlu hekk minħabba li ma kinux jafu min hu Ġesù. Jekk mela jindmu, huma jsalvaw. Imma jekk ma jindmux, huma jiġu kkundannati darba għal dejjem. Imma mqar hawnhekk l-istudjużi ta' Luqa-Atti ma jaqblux bejniethom. Awturi bħal J.T. Sanders[5] li jakkuża lil San Luqa b'anti-semitiżmu jargumenta li kull element pożittiv fil-kitbiet ta' Luqa dwar il-Lhud jagħmel biss parti mill-iżvilupp tan-narrativa li twassal għax-xena finali fl-Atti 28 li teskludi lill-poplu Lhudi darba għal dejjem mill-barkiet ta' Alla. Imma din il-konklużjoni hija waħda ta' min joqgħod fuqha? Inwieġbu għal din il-mistoqsija fit-tieni parti ta' dan l-artiklu.

## Referenzi

1 Ara per eżempju l-istudju ta' David L. Tiede, *'Fighting against God': Luke's Interpretation of Jewish Rejection of the Messiah Jesus,* in *Anti-Semitism and Early Christianity: Issues of Polemic and Faith,* edited by Craig A. Evans, Donald A. Hager, Minneapolis 1993, 102-112.

2 Ara J.B. Tyson, *The Death of Jesus in Luke-Acts,* Columbia 1986.

3 Fuq id-diskorsi ta' Pietru fl-Atti tal-Appostli ara, Marion L. Soards, *The Speeches in Acts, Their Content, Context, and Concerns,* Louisville-Kentucky 1994.

4 Fuq ir-responsabbilità tal-Lhud fil-mewt ta' Ġesù fl-Luqa-Atti, ara, Jon A. Weatherly, *Jewish Responsibility for the Death of Jesus in Luke-Acts* (= Journal for the Study of the New Testament Supplement Series 106), Sheffield 1994.

5 Ara Jack T. Sanders, *The Jews in Luke-Acts,* London 1987.

# IS-SAGRAMENT TAL-FIDI
# IL-MAGĦMUDIJA

*Mons. Lawrenz Sciberras*

*Ktieb għal kull Nisrani*




- Kull Nisrani għandu jiftakar x'wiret, minn xiex hi minsuġa ħajtu, u x'mixja għandu quddiemu.
- Il-Ktieb ifisser is-simboli, il-ġesti u ħwejjeġ oħra li huma f'rabta mal-għoti tal-Magħmudija.
- Il-Ktieb hu ta' għajnuna lill-ġenituri, parrini u kull min ikun preżenti għall-Magħmudija biex isegwu x'qed isir waqt li jistqarru li huma Nsara.
- Dan il-Ktieb jista' jservi bħala rigal f'okkażjoni ta' Magħmudija kif ukoll għall-meditazzjoni personali jew waqt laqgħat ta' spiritwalità bħala parti miċ-ċelebrazzjoni tas-Sena tal-Fidi.

**Prezz: €5.50**
**124 Paġni**

**Wieħed jista' jakkwista kopja ta' dan il-ktieb mingħand l-editur Tel: 2155 1420 jew Mob: 7906 8166**

# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

## Pellegrinaġġi 2013

*Is-Sena tal-Fidi*

### Art Imqaddsa

22 Mejju - 30 Mejju
17 Lulju - 25 Lulju
4 Awwissu - 12 Awwissu
4 Settembru - 12 Settembru

### Art Imqaddsa u Sinaj

3 Novembru – 13 Novembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt